# Netwerk Ewropew għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità

## Serje ta' Settijiet ta' Għodda tal-EUCPN

Nru. 3

# Evalwazzjoni tal-inizjattivi għall-prevenzjoni tal-kriminalità

Fil-qafas tal-proġett 'Lejn Ċentru Ewropew ta' Kompetenza dwar il-Prevenzjoni tal-Kriminalità' – Segretarjat tal-EUCPN, Ġunju 2013, Brussell

Bl-appoġġ finanzjarju tal-Programm "Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Kriminalità" tal-Unjoni Ewropea
Kummissjoni Ewropea – Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Interni

# PARTI 2: Linji gwida prattiċi għall-evalwazzjoni tal-inizjattivi dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità

## Introduzzjoni

It-tieni parti ta' dan is-sett ta' għodda għandha l-għan li tipprovdi approċċ faċli għall-utent lejn l-evalwazzjoni[1] għal individwi li qed jaħdmu fil-qasam tal-prevenzjoni tal-kriminalità. Din hija mfassla għal persuni li ftit li xejn għandhom esperjenza fl-evalwazzjoni maħsuba. Sabiex tiġi żviluppata għodda utli għal 'persuni mhux esperti' fl-evalwazzjoni ġew organizzati żewġ sessjonijiet ta' ħidma – f'Dublin u fi Brussell – li laqqgħu flimkien kemm lil persuni li jfasslu l-politiki u l-prattikanti, kif ukoll esperti akkademiċi fis-suġġett (ara l-listi tal-parteċipanti p.40-41). Dan il-manwal ġie bbażat fuq id-diskussjonijiet, is-suġġerimenti u r-rakkomandazzjonijiet mogħtija matul dawn iż-żewġ sessjonijiet ta' ħidma. Dan fih firxa ta' passi prattiċi, ideat, eżempji u *worksheets* li jistgħu jintużaw matul l-ippjanar, it-twettiq u l-użu ta' evalwazzjoni[2].

1 Informazzjoni aktar dettaljata dwar is-suġġetti differenti koperti mill-manwal tinsab fil-Parti 1 ta' dan is-sett ta' għodda li fih id-dokument tematiku.
2 Jekk jogħġbok innota li l-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji mhix koperta minn dan il-manwal. Għal gwida prattika dwar l-analiżi tal-kostijiet-benefiċċji tal-proġetti għall-prevenzjoni tal-kriminalità, jekk jogħġbok ara l-pubblikazzjoni riċenti li qed tiġi ċċirkolata mill-Kunsill Daniż għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità: Jacobsen (2013). *Hands-on guide to cost-benefit-analysis of crime prevention efforts.* Kopenħagen: Ċentru għar-Riċerka Ekonomika u tal-Kummerċ.

**Werrej**


Għaliex issir evalwazzjoni? ... 5
X'inhi evalwazzjoni? ... 5

Ċerti 'miti' dwar l-evalwazzjoni ... 6

It-tipi differenti ta' evalwazzjoni ... 7
Kif tibda tuża dan il-manwal ... 9
Sezzjoni 1: Kif tippjana l-evalwazzjoni tiegħek ... 10

A: Kif tistabbilixxi l-evalwazzjoni tiegħek ... 10

1. Kif tifhem dak li tixtieq tikseb ... 10
2. L-involviment tal-partijiet interessati ... 11
3. L-ibbaġitjar ... 11
4. Min għandu jwettaq l-evalwazzjoni? ... 12
5. Kif tistabbilixxi grupp ta' evalwazzjoni ... 13
6. Bord konsultattiv ... 14

B: Kif tiżviluppa l-evalwazzjoni tiegħek ... 14

1. Kif twettaq riċerka ta' sfond ... 14
2. Kif tiżviluppa l-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni ... 18
3. Tipi ta' informazzjoni ... 19
4. Kif tiżviluppa l-indikaturi ... 21
5. Kif tfassal l-evalwazzjoni biex tkejjel l-impatt ... 21

Tfassil ta' qabel u wara l-programm ... 22
Grupp ta' intervent u kontroll (tfassil kważi sperimentali) ... 22
Provi aleatorji ta' kontroll (Tfassil sperimentali) ... 23

6. Żviluppa pjan ta' evalwazzjoni ... 23

Sezzjoni 2: Ġbir u analiżi tad-dejta ... 25

A: Ġbir tad-dejta ... 25

1. Approċċi kwantitattivi ... 25

Stħarriġ ... 25
Valutazzjonijiet psikoloġiċi u tal-attitudnijiet standardizzati ... 27

2. Approċċi kwalitattivi ... 27

Intervisti fil-fond ... 27
Gruppi fokus ... 28
Osservazzjoni ... 28
Kif tirrevedi d-dokumentazzjoni tal-programm ... 29
Metodi oħrajn ... 29

B: Kif tanalizza u tinterpreta d-dejta ... 29

1. Dejta kwantitattiva ... 30

Naddaf id-dejta tiegħek ........ 30
Analizza d-dejta tiegħek ........ 30
Kif tinterpreta d-dejta tiegħek ........ 31

2. Dejta kwalitattiva ........ 32
3. Kif tiddiskuti s-sejbiet mal-partijiet interessanti ........ 32

Sezzjoni 3: Rapportar u komunikazzjoni tas-sejbiet tal-evalwazzjoni ........ 33

1. L-istruttura tar-rapport finali ........ 33
2. Kif tikkomunika s-sejbiet tiegħek ........ 34

Annessi: *worksheets* ........ 36

*Worksheet* 1.A.1 – Kif tidentifika l-partijiet interessati rilevanti ........ 36
*Worksheet* 1.A.2 - Baġit ........ 36
*Worksheet* 1.A.3 – Lista ta’ kontroll għad-dokument ta’ sejħa għall-offerti ........ 36
*Worksheet* 1.B.1 – Deskrizzjoni tal-programm ........ 37
*Worksheet* 1.B.2a – Sekwenzar tal-attivitajiet u r-riżultati ........ 38
*Worksheet* 1.B.2b – Ħarsa ġenerali lejn l-inputs, l-attivitajiet, l-outputs u r-riżultati ........ 38
*Worksheet* 1.B.3 – Riċerka/evalwazzjoni preċedenti ........ 38
*Worksheet* 1.B.4a – Mistoqsijiet tal-evalwazzjoni ........ 38
*Worksheet* 1.B.4b – Kif torbot il-mistoqsija tal-evalwazzjoni mad-dejta ........ 39
*Worksheet* 1.B.5a – Evalwazzjoni tal-proċess ........ 39
*Worksheet* 1.B.5b – Evalwazzjoni tar-riżultati ........ 39

Rikonoxximenti ........ 40
Esperti li pparteċipaw ........ 40

## Għaliex issir evalwazzjoni?

*"Żgur illi m'hemm xejn aktar inutli u, fl-aħħar mill-aħħar, tedjanti milli sempliċement tirrepeti l-istess żbalji għal darba tnejn jew, għall-kuntrarju, li tonqos milli tagħmel l-aħjar użu minn teknika ta' suċċess għaliex tqis illi li tieħu l-ħin biex tiskopri jekk ħadmitx u għaliex, hija distrazzjoni minn attività ġdida."*[3]

Il-prevenzjoni tal-kriminalità huwa qasam li jippreżenta sfidi kbar. Dawk li jaħdmu f'dan il-qasam huma responsabbli għall-indirizzar ta' kwistjonijiet soċjali serji ħafna drabi b'riżorsi limitati. Dan jista' jfisser li ftit li xejn hemm ħin disponibbli biex tirrifletti fuq ix-xogħol li qed isir jew fuq jekk il-programmi humiex jipproduċu r-riżultati maħsuba. Madankollu, hemm numru ta' raġunijiet pożittivi ħafna għaliex dawk involuti fil-prevenzjoni tal-kriminalità għandhom jevalwaw il-ħidma tagħhom.

- L-evalwazzjonijiet jistgħu joffru opportunità utli biex tifhem aħjar jekk u/jew kif programm ikun kiseb l-għanijiet tiegħu fuq perjodu qasir, medju jew twil.
- L-evalwazzjonijiet jgħinuk tidentifika kwalunkwe problema li jista' jkun hemm fi programm.
- L-evalwazzjonijiet jistgħu jtejbu l-effettività u l-effiċjenza billi juru kif tista' tagħmel użu aħjar mir-riżorsi.
- L-evalwazzjonijiet jistgħu jipprovdu informazzjoni utli għall-ippjanar fil-ġejjieni ta' programm.
- L-evalwazzjonijiet jistgħu jtejbu l-kredibilità ġenerali ta' programm meta juru li programm qed jaħdem.
- L-evalwazzjonijiet jistgħu jgħinu lill-persunal ta' programm jagħraf aħjar li l-ħidma tiegħu qed tagħmel differenza.
- L-evalwazzjonijiet jistgħu jgħinu lil gruppi oħrajn interessati fl-istabbiliment ta' programmi simili billi jipprovdu tagħlimiet siewja dwar kif jaħdmu l-interventi u kif dawn jistgħu jittejbu.



**Tibżax twettaq evalwazzjoni u tibżax titgħallem minn dak li ma jirnexxix!**

*L-evalwazzjoni ma għandhiex titqies bħala xi ħaġa negattiva li sempliċement tenfasizza l-problemi. Minflok, l-evalwazzjoni għandha tipprovdi l-****opportunità biex titgħallem*** *x'qed jaħdem sew filwaqt li tissuġġerixxi bidliet fl-oqsma li jistgħu jiġu mtejba.*

*Tibżax tevalwa (partijiet ta') programmi li għandek dubji dwarhom. Għalkemm in-nies ġeneralment iħobbu juru u jisimgħu dwar 'stejjer ta' suċċess', ikun aktar utli u importanti li titgħallem minn dak li ma jirnexxix!*

## X'inhi evalwazzjoni?[4]

Fi ftit kliem, evalwazzjoni hija mod utli kif taħseb dwar il-ħidma li twettqet fuq programm, irrispettivament minn jekk inkisbux ir-riżultati mixtieqa, u għaliex (le). L-evalwazzjonijiet huma attivitajiet prattiċi ħafna. L-

---

[3] Dixon, B. (2002: 97). *Not rocket science: evaluating crime prevention*. Pelser, E. (ed.): *Crime Prevention Partnerships: Lessons from Practice*. Institute for Security Studies, Pretoria. – Chapter 8.

[4] Ara wkoll: "*Tip sheet 4: Monitoring and evaluating your project. How to measure progress.*" ("Folja tal-ideat 4: Monitoraġġ u evalwazzjoni tal-proġett tiegħek. Kif tkejjel il-progress") Programm Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità fil-Komunità, Dipartiment tal-Avukat Ġenerali, Canberra, l-Awstralja - http://www.crimeprevention.gov.au/NationalCommunityCrimePreventionProgramme/Documents/Tip_Sheet_4.pdf

għan tagħhom huwa li tinġabar id-dejta mfassla biex issir valutazzjoni tal-programm b'mod sistematiku. Jistgħu jintużaw diversi approċċi (pereżempju, stħarriġ, intervisti, eċċ skont dak li qed jiġi analizzat). Madankollu, l-informazzjoni fl-aħħar tintuża biex tagħti feedback li jgħin fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar il-programm.

**Utli = Ta' suċċess!**

*Huwa aktar probabbli li l-evalwazzjoni ta' kwalunkwe programm tirnexxi jekk il-persunal jaħseb li r-riżultati jipprovdu informazzjoni utli li tista' tgħinu jagħmel ix-xogħol tiegħu aħjar.*

Idealment, l-ippjanar ta' evalwazzjoni għandu jsir fl-istess żmien tal-ippjanar tal-implimentazzjoni tal-programm. Jekk tibni evalwazzjoni fil-programm tiegħek sa mill-bidu inti tista' tistabbilixxi rutini ta' monitoraġġ tal-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programmi. Dawn il-miżuri ta' prestazzjoni se jkunu sors utli ħafna ta' informazzjoni b'mod partikolari matul il-fażi tal-ġbir u l-analiżi tad-dejta tal-evalwazzjoni.

Kif se jurik dan il-manwal, hemm diversi modi kif tivvaluta programm (ara hawn taħt).

Madankollu, evalwazzjoni ħafna drabi tiġi mfixkla ma' tipi oħrajn ta' valutazzjonijiet ta' programm li jista' jwassal għal konklużjonijiet żbaljati. Dawn jinkludu, fost affarijiet oħra, il-monitoraġġ u l-verifiki tal-programm.

**Dak li evalwazzjoni ta' programm MHIJIEX**

**Monitoraġġ** *huwa l-ġbir sistematiku u ta' rutina ta' informazzjoni matul l-implimentazzjoni tal-programm tiegħek biex titkejjel il-konformità tiegħu mal-pjan oriġinali (eż., numru ta' persuni rnexxielhom ilestu programm ta' probazzjoni fl-aħħar 6 xhur). Madankollu, jekk qed tippjana l-evalwazzjoni tiegħek fil-fażi tal-ippjanar tal-programm għandek tikkunsidra li tistabbilixxi sistema ta' monitoraġġ biex tiġbor id-dejta li mbagħad tista' talimenta l-evalwazzjoni tal-proċess.*

**Verifika** *tfisser il-valutazzjoni ta' kemm programm qed jiġi ġestit sew, jekk ir-riżorsi humiex jintużaw b'mod effiċjenti, u jekk ir-regoli, ir-regolamenti u l-proċessi humiex jiġu segwiti sew (UNEG, 2005).*

**Spezzjoni** *hija eżaminazzjoni ġenerali li tfittex li tidentifika l-oqsma vulnerabbli u dawk problematiċi u li tipproponi azzjoni korrettiva (UNEG, 2005).*

**Analiżi tal-kostijiet-benefiċċji** *tqabbel l-ispejjeż monetarji u l-benefiċċji ta' programm f'termini tar-riżorsi finanzjarji u umani, l-investiment ta' ħin, il-materjali u l-infrastruttura,… Din ħafna drabi titqies minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex tittieħed deċiżjoni dwar fejn jitpoġġew ir-riżorsi skarsi. Sabiex tingħata prova tal-validità ta' programm, kultant huwa neċessarju li tingħata ħarsa lejn il-proporzjon kostijiet-benefiċċji.*

*(Nota: il-lista mhix eżawrjenti)*

## Ċerti 'miti' dwar l-evalwazzjoni

Għalkemm qed jiġi dejjem aktar rikonoxxut li l-evalwazzjoni tifforma parti importanti minn programm, għad hemm, madankollu, ċerta riluttanza biex titwettaq evalwazzjoni. Ħafna drabi aktar milli le, din ir-riluttanza toriġina minn diversi 'miti' dwar id-diffikultajiet relatati mal-evalwazzjoni. Sabiex nelenkaw xi ftit minn dawn[5]:

- *Evalwazzjoni hija diffiċli wisq*

Għalkemm evalwazzjoni teħtieġ sett minimu ta' ħiliet u tista' tkun ħidma eżiġenti, mhijiex *"xjenza"*. Ftakar li inti l-espert fuq il-programm tiegħek stess u li probabbli diġà ġbart ħafna mid-**dejta meħtieġa**. Dan il-manwal għandu l-għan li

5 Ara wkoll: Dixon, B. (2002: 92-98). *Not rocket science: evaluating crime prevention*. F'Pelser, E. (ed.): *Crime Prevention Partnerships: Lessons from Practice*. Institute for Security Studies, Pretoria. – Chapter 8.

jgħinek timxi pass aktar 'il quddiem u taħdem b'mod aktar sistematiku.

- *Evalwazzjoni tiswa wisq flus*

Għalkemm mingħajr dubju, evalwazzjoni tajba li hija tal-ogħla kwalità se tiswa ħafna, maż-żmien, li tkun taf x'jaħdem u x'ma jaħdimx se jwassal għal iffrankar sostanzjali għal kulħadd. Qis sewwa jekk teħtieġx tagħmel evalwazzjoni *"li hija ferm aħjar minn 'tajba biżżejjed'"* (Dixon, 2002: 97).




**Kif tiffranka l-flus?**

*Minflok tipprova twettaq ftit evalwazzjoni ta' kollox, ikun aħjar jekk tagħżel numru prinċipali ta' proġetti u tevalwahom sew.*

*Uża, pereżempju, studenti universitarji (ġestiti mill-qrib) jew kollegi minn dipartimenti oħrajn li għandhom il-ħiliet iżda jiswew inqas minn evalwaturi esterni u li ma jiddependux fuq ir-riżultati bħalma jagħmlu l-evalwaturi interni.*

- *Evalwazzjoni hija skoraġġanti*

Evalwazzjoni kultant tista' titqies bħala theddida għall-eżistenza tal-programm għaliex din tista' tenfasizza d-difetti u l-ineffiċjenzi li jwasslu għall-konklużjoni li xejn mhu qed jaħdem. Madankollu, il-konklużjoni globali ta' evalwazzjoni żgur mhux se tkun li xejn mhu qed jaħdem iżda *"li ċerti affarijiet jaħdmu parti mill-ħin f'ċerti postijiet, taħt ċerti kundizzjonijiet".*

## It-tipi differenti ta' evalwazzjoni[6]

Ma jeżistix metodu uniku biex twettaq evalwazzjoni. Il-metodu li huwa l-aħjar għalik se jiddependi fuq l-għanijiet, iċ-ċirkostanzi u l-baġit tiegħek. Evalwazzjonijiet iżjed kumplessi jistgħu jitwettqu minn grupp estern ta' evalwaturi, normalment minn università jew istitut tar-riċerka. Evalwazzjonijiet aktar sempliċi u ta' skala iżgħar jistgħu jitwettqu b'mod effettiv mill-persunal tal-proġett li huma responsabbli għat-twettiq tal-programm. Filwaqt li f'ċerti każijiet tista' tintuża kombinazzjoni taż-żewġ approċċi.

Normalment, issir distinzjoni bejn evalwazzjoni tal-proċess u evalwazzjoni tar-riżultati. **Evalwazzjoni tal-proċess** tagħti informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-programm tiegħek. Din se tgħidlek jekk il-programm tiegħek ġiex implimentat kif kien ippjanat jew le, jekk kienx hemm diffikultajiet jew ostakli jew le, f'liema oqsma u taħt liema ċirkostanzi l-programm qed jaħdem jew le u jekk kienx hemm xi effetti sekondarji (pożittivi jew negattivi) mhux mistennija.

**Evalwazzjoni tar-riżultati jew tal-impatt** tagħti informazzjoni dwar l-effettività tal-programm tiegħek. Din se turik jekk il-programm tiegħek hux iwassal għar-riżultati maħsuba jew le u sa liema grad. Mingħajr evalwazzjoni tal-proċess, madankollu, mhux se tkun tista' tgħid jekk il-bidliet osservati humiex relatati mal-implimentazzjoni xierqa jew mhux xierqa tal-programm tiegħek.

Huwa importanti li tinnota li l-evalwazzjoni kemm tal-proċess kif ukoll tar-riżultati se tagħtik informazzjoni speċifika dwar il-programm tiegħek u li t-tnejn jistgħu jitwettqu flimkien matul jew wara l-impilmentazzjoni tal-programm. Fil-każ li l-programm tiegħek ma jilħaqx ir-riżultati mistennija, l-evalwazzjoni li tagħmel tal-proċess tista' tgħinek tiddistingwi jekk kienx hemm 'żball' fil-loġika sottostanti tal-programm jew jekk saritx xi ħaġa ħażina matul l-implimentazzjoni tal-programm tiegħek (jew it-tnejn).

6 Ara wkoll il-Parti 1: Dokument tematiku p.7-10 għal informazzjoni aktar dettaljata dwar l-evalwazzjoni tal-proċess u tar-riżultati.

**Evalwazzjoni u parteċipazzjoni**

*Irrispettivament mill-approċċ li tieħu lejn l-evalwazzjoni agħmel ċert li tinvolvi* ***lill-partijiet interessati rilevanti kollha*** *matul* ***il-proċess kollu*** *tal-evalwazzjoni (ara Sezzjoni 1.A.2 Kif tinvolvi l-partijiet interessati, p.11). Huwa inqas probabbli li, evalwazzjonijiet li jitqiesu li ġew imposti minn barra, jirnexxu.*

## Kif tibda tuża dan il-manwal

Jekk qed tikkunsidra jew ġejt mitlub twettaq evalwazzjoni, jista' diġà jkollok idea bażika ta' dak li tixtieq tikseb. Pereżempju, tista' tixtieq tkun taf jekk il-programm tiegħek ta' prevenzjoni tal-kriminalità huwiex qed jopera kif ippjanajt. Inkella, tista' tkun aktar interessat/a tifhem jekk il-programm tiegħek kisibx l-għanijiet maħsuba tiegħu jew forsi xi kombinazzjoni tat-tnejn. Irrispettivament minn liema minn dawn l-approċċi inti interessat/a fih, dan il-manwal se jgħinek tikseb l-objettivi tal-evalwazzjoni tiegħek billi jmexxik fit-tliet stadji ewlenin tal-proċess tal-evalwazzjoni.

**Sezzjoni 1** se tiffoka fuq l-ippjanar u l-iżvilupp tal-evalwazzjoni tiegħek u se teżamina ċerti suġġetti bħal:

- li tkun ċar dwar l-iskop tal-evalwazzjoni tiegħek
- l-involviment tal-partijiet interessati
- l-ibbaġitjar
- evalwazzjoni interna vs. waħda esterna
- l-istabbiliment ta' grupp ta' evalwazzjoni u bord konsultattiv
- it-twettiq ta' riċerka ta' sfond u l-iżvilupp ta' mistoqsijiet tal-evalwazzjoni
- l-għażla ta' tfassil tal-evalwazzjoni
- l-iżvilupp ta' pjan ta' evalwazzjoni

**Sezzjoni 2** se tesplora l-prattikalitajiet tal-ġbir u l-analiżi tad-dejta li se teħtieġ biex twieġeb għall-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni tiegħek u se teżamina:

- approċċi kwantitattivi u kwalitattivi lejn il-ġbir tad-dejta u
- l-analiżi tad-dejta li tkun ġbart u l-interpretazzjoni tar-riżultati

**Sezzjoni 3** se tagħtik informazzjoni dwar l-istadju tar-rapportar u se teżamina kif:

- tistruttura r-rapport tal-evalwazzjoni finali tiegħek u
- ixxerred u tikkomunika s-sejbiet tal-evalwazzjoni tiegħek

# Sezzjoni 1: Kif tippjana l-evalwazzjoni tiegħek

## A: Kif tistabbilixxi l-evalwazzjoni tiegħek

### 1. Kif tifhem dak li tixtieq tikseb

L-ewwel pass għat-twettiq ta' evalwazzjoni ta' suċċess jinvolvi l-iżvilupp ta' fehim tajjeb ta' dak li tixtieq tikseb (jew dak li qed jiġi mitlub minnek). Dan jista' jidher tant ovvju li ma jitqiesx importanti li jissemma'. Madankollu, li tkun taf dak li tixtieq mill-evalwazzjoni tiegħek huwa ta' importanza vitali għaliex dan se jgħinek tiffoka l-proċess kollu tal-evalwazzjoni u fl-aħħar nett se jgħinek tiddeċiedi jekk fil-każ tiegħek hijiex idea fattibbli li twettaq evalwazzjoni.

L-ideat inizjali dwar it-twettiq ta' evalwazzjoni se jiġu żviluppati aktar matul l-istadju tal-ippjanar (ara B: Kif tiżviluppa l-evalwazzjoni tiegħek, p.14). Madankollu, xorta huwa importanti li jkollok fehma tajba ta' dak li tixtieq mill-bidu.

Meta tkun qed tiżviluppa l-ideat inizjali tiegħek dwar evalwazzjoni aħseb dwar dan li ġej:

- X'inhuma r-rekwiżiti tal-finanzjaturi?
- Min jista' jkun involut?
- X'inhu l-baġit disponibbli?
- X'tista' tinvolvi l-evalwazzjoni (intervisti, analiżi statistika, eċċ)?
- X'kompetenzi u ħiliet huma meħtieġa?
- X'inhu l-perjodu ta' żmien involut
- Kif tista' tuża s-sejbiet potenzjali tal-evalwazzjoni biex tiżviluppa aktar il-programm tiegħek
- ...

Hija idea tajba wkoll li tagħmel xi qari ta' sfond preliminari sabiex tiffamiljarizza ruħek ma' wħud mill-kwistjonijiet li tixtieq tindirizza matul l-evalwazzjoni. Informazzjoni aktar dettaljata dwar ir-riċerka ta' sfond se tiġi diskussa aktar 'il quddiem fl-istadju ta' żvilupp (ara B.1, p.14).



**Kun ċar, sempliċi u preċiż!**

*Esprimi l-iskop globali tal-evalwazzjoni tiegħek f'termini ċari, sempliċi u preċiżi. Evita dikjarazzjonijiet vagi li jista' jkun fihom ħafna ideat.*

*Pereżempju, il-programmi ta' devjazzjoni għal persuni taħt l-età li jikkommettu reat jaħdmu? vs. Il-programmi ta' devjazzjoni għal persuni taħt l-età li jikkommettu reat inaqqsu r-ripetizzjoni tar-reati fost dawk li joħorġu mill-programm fuq perjodu ta' sentejn?*

*Jew, x'inhuma l-qawwiet u d-dgħjufijiet u l-oqsma li jeħtieġu titjib fil-provvista tal-programmi kurrenti ta' devjazzjoni għal persuni taħt l-età li jikkommettu reat?*

## 2. L-involviment tal-partijiet interessati

Parti mill-proċess tal-iżvilupp tal-ideat inizjali tiegħek għandha tinvolvi l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati. Il-partijiet interessati huma individwi jew organizzazzjonijiet li investew fil-programm tiegħek, li huma interessati jew li huma affettwati mir-riżultati tal-programm tiegħek jew li jistgħu jeżerċitaw influwenza fuq il-programm tiegħek. Għalhekk, l-involviment tal-partijiet interessati huwa vitali biex l-evalwazzjoni tiegħek tirnexxi.

Evalwazzjonijiet tajbin mhumiex imposti minn barra iżda pjuttost jinvolvu l-parteċipazzjoni ta’ dawk kollha li għandhom interess fil-programm li qed jiġi evalwat mill-istadji tal-bidu tal-iżvilupp sat-tlestija tiegħu. Il-partijiet interessati jinkludu:

- il-persunal tal-programm (eż. il-maniġers u l-mexxejja)
- dawk li jużaw jew huma affettwati mill-programm (jiġifieri l-gruppi fil-mira)
- l-utenti tas-sejbiet tal-evalwazzjoni (eż. l-finanzjaturi)
- persuni li jgħixu fil-komunità lokali (eż. il-mexxejja tal-komunità)
- persuni bil-kompetenza fil-qasam li mhumiex involuti b’mod dirett fil-proġett (eż. akkademiċi, spetturi, persuni li jfasslu l-politka, eċċ)
- oħrajn (eż. assoċjazzjonijiet professjonali, il-pubbliku ġenerali, il-midja, il-kritiċi tal-programm, eċċ)

**Kif tagħżel il-partijiet interessati?**

*L-għażla tal-partijiet interessati rilevanti tista’ tkun diffiċli. Meta taħseb dwar lil min se tinvolvi fl-evalwazzjoni tiegħek staqsi lilek innifsek:*

- *Dawn se jżidu l-kwalità/affidabilità tal-evalwazzjoni?*
- *Huma involuti fit-twettiq ta’ kuljum tal-programm?*
- *Jistgħu jimplimentaw, jargumentaw favur jew jiffinanzjaw xi bidliet li r-rapport tal-evalwazzjoni jista’ jirrakkomanda?*
- *Huma affettwati mill-programm (jiġifieri gruppi fil-mira)?*

*(Ara worksheet 1.A.1, p.36)*

Il-grad sa fejn dawn il-partijiet interessati se jkunu involuti fl-evalwazzjoni se jvarja. Uħud jistgħu jkunu involuti fl-ippjanar u l-implimentazzjoni filwaqt li jista’ jkun biżżejjed li oħrajn jiġu sempliċement aġġornati dwar il-progress tal-programm tiegħek fuq bażi regolari.

Irrispettivament mil-livell ta’ involviment, li tifhem il-fehmiet u l-interessi ta’ dawn il-gruppi se jkun utli matul il-fażijiet kollha tal-evalwazzjoni. Il-partijiet interessati jista’ jkollhom għarfien fil-fond ta’ programm. Li tiddiskutti l-ħsibijiet tiegħek magħhom se jgħinek issaħħaħ l-evalwazzjoni. Dan jista’ jgħinek ukoll tidentifika mistoqsijiet tal-evalwazzjoni pertinenti u, aktar importanti minn hekk, li tkun kapaċi ssib tweġibiet għal mistoqsijiet bħal dawn.

## 3. L-ibbaġitjar

Fattur importanti meta tkun qed tiddeċiedi dwar kif se titwettaq evalwazzjoni huwa d-daqs tal-baġit li għandek disponibbli. Skont l-ammont ta’ finanzjament disponibbli inti tista’ tkun tixtieq tqabbad evalwatur estern biex ifassal l-evalwazzjoni jew timpjega riċerkatur biex janalizza d-dejta jew biex jintervista l-utenti tas-servizz. Jekk ikollok baġit ikbar se tkun tista’ wkoll twettaq evalwazzjoni aktar kumplessa bl-użu ta’ firxa wiesgħa ta’ sorsi ta’ dejta.

Bħala alternattiva, jekk il-finanzjament huwa limitat inti tista' tkun tixtieq twettaq evalwazzjoni internament. Anki f'dan il-każ, trid tkun taf l-ispejjeż assoċjati ma' kull parti tal-evalwazzjoni mill-istadju tat-tfassil sal-pubblikazzjoni tar-rapport finali.




**Il-pjan tal-baġit**

*Sabiex iżżomm amment tal-ispejjeż potenzjali, oħloq pjan tal-baġit. Agħti ħarsa lejn kull fażi tal-proċess tal-evalwazzjoni u stabbilixxi l-ispejjeż involuti.*

*(Ara worksheet 1.A.2, p.36).*

### 4. Min għandu jwettaq l-evalwazzjoni?

Malli tkun fhimt sew:

- dak li tixtieq tikseb,
- dan x'jista' jinvolvi u
- kemm għandek finanzjament,

tista' taħseb dwar jekk l-evalwazzjoni għandhiex titwettaq internament jew jekk tingħatax lil evalwaturi esterni.

B'mod ġenerali, jekk evalwazzjoni hija meħtieġa sabiex tiġġustifika l-kontinwazzjoni ta' programm (jiġifieri, il-programm qiegħed jikseb l-għanijiet tiegħu u jeħtieġ aktar finanzjament?), normalment jinħatru evalwaturi esterni sabiex jiġi evitat il-kunflitt ta' interess u tiġi ggarantita l-oġġettività. Madankollu, jekk l-evalwazzjoni hija ffukata fuq kif tista' ttejjeb il-prattiki ta' xogħol eżistenti jew fuq li teżamina kif il-programmi qed jiġu implimentati, skont il-kumplessità tagħha, evalwazzjoni bħal din tista' titwettaq internament. Mill-banda l-oħra, kombinazzjoni ta' evalwazzjoni interna flimkien mal-input minn evalwaturi esterni tista' tkun l-aktar xierqa.

It-Tabella 1 hawn taħt tagħti ħarsa ġenerali lejn il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' approċċi differenti[7].

| Tip ta' evalwazzjoni | Vantaġġi | Żvantaġġi |
|---|---|---|
| **Evalwazzjoni interna** (L-evalwazzjoni ssir minn dawk li qed iwettqu l-programm). | Spejjeż aktar baxxi. | Nuqqas potentjali tal-kompetenza meħtieġa għat-twettiq ta' intervisti jew analiżi tad-dejta. |
| | Aċċess aktar faċli għad-dejta u n-nies. | Tista' titqies bħala mhux oġġettiva. |
| | Għarfien ikbar tal-programm. | Tista' ma tkunx xierqa biex tiġġustifika aktar finanzjament. |
| | Tgħin lill-organizzazzjonijiet jifhmu aħjar lilhom infushom u dak li jagħmlu. | Tista' teħtieġ li l-persunal tal-programm jevalwa minflok jagħmel ix-xogħol tiegħu tas-soltu |
| **Evalwazzjoni esterna** (L-evalwazzjoni titwettaq minn esperti esterni ħafna drabi minn università jew istitut tar-riċerka). | Persuni b'kompetenzi u esperjenza fit-twettiq ta' evalwazzjoni ta' livell għoli. | Spejjeż ogħla |
| | Meqjusa bħala t-tip ta' evalwazzjoni l-aktar oġġettiva. | Ebda esperjenza diretta fix-xogħol tal-programm u għalhekk inqas fehim |
| | Tajba biex turi kemm huma effettivi l- | |

7 Ara wkoll: Istitut Awstraljan tal-Kriminoloġija (2006). *Tip sheet 3: External and/or internal evaluation. Deciding what works best for your organisation.* (Folja tal-ideat 3: Evalwazzjoni esterna u/jew interna. Kif tiddeċiedi dwar dak li hu l-aħjar għall-organizzazzjoni tiegħek)
[Żviluppata għall-Programm Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità fil-Komunità]. Canberra: Dipartiment tal-Avukat Ġenerali.
http://www.crimeprevention.gov.au/NationalCommunityCrimePreventionProgramme/Documents/Tip_Sheet_3.pdf

| | | |
|---|---|---|
| | programmi fil-kisba tal-għanijiet tagħhom. | |

*Tabella 1: Vantaġġi u żvantaġġi ta' evalwazzjonijiet interni vs. dawk esterni*



**Evalwazzjonijiet kumplessi**

*Jekk għandek l-intenzjoni li twettaq evalwazzjoni kumplessa li tinvolvi diversi metodi u numru kbir ta' parteċipanti, ikun aħjar li tqabbad evalwaturi esterni bil-kompetenza teknika u l-esperjenza rilevanti. Dan se jgħinek tiżgura aħjar li l-evalwazzjoni tkun b'saħħitha biżżejjed u li jintlaħqu biss konklużjonijiet appoġġati mid-dejta disponibbli.*

*(Ara Sezzjoni 2 – Paragrafu B.1, p.31 għal aktar informazzjoni dwar il-validità u l-affidabilità tal-evalwazzjonijiet)*

Jekk tiddeċiedi li l-evalwazzjoni titwettaq esternament se teħtieġ tiżviluppa dokument ta' sejħa għall-offerti b'dettalji dwar il-ħidma mistennija, il-perjodi ta' żmien, ir-riżultati u affarijiet oħrajn (Ara *worksheet* 1.A.3, p.36 għal lista ta' kontroll ta' dak li għandu jkun hemm fid-dokument). Trid taħseb sew dwar ir-rwol, ir-responsabbiltajiet u l-kompiti tal-evalwatur estern. Kun af li dawn jista' jkollhom prijoritajiet li jikkompetu, li jmorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-evalwazzjoni, eż. li jippubblikaw artikli f'ġurnali (akkademiċi).




**Agħmel ftehimiet ċari mal-evalwaturi esterni**

*Iddefinixxi r-riżultati li qed tistenna u kun ċar mill-bidu dwar is-sjieda tad-dejta miġbura u r-rapport ta' evalwazzjoni finali. Stabbilixxi dati ta' skadenza ċari!*

### 5. Kif tistabbilixxi grupp ta' evalwazzjoni

Malli tiddeċiedi min se jkollu r-responsabbiltà prinċipali għat-twettiq tal-evalwazzjoni, trid taħseb biex tistabbilixxi grupp ta' evalwazzjoni.

Grupp ta' evalwazzjoni se jgħinek tiżgura aħjar li l-evalwazzjoni tiegħek titwettaq mingħajr xkiel għaliex ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-evalwazzjoni se tingħata lil grupp ta' individwi fejn kull wieħed għandu sett ta' kompiti speċifiċi. Dawn se jinkludu:

- Ir-responsabbiltà globali għall-implimentazzjoni tal-evalwazzjoni
- L-iżvilupp ta' għanijiet u objettivi speċifiċi tal-evalwazzjoni
- L-ippjanar u l-ibbaġitjar għall-evalwazzjoni
- Il-ġbir u l-analiżi tad-dejta
- Ir-rapportar tas-sejbiet
- Il-ħidma mal-konsulenti, il-partijiet interessati u oħrajn.

(Ara B.6, p.23 għal aktar informazzjoni dwarx'għandu jinkludi l-pjan tal-evalwazzjoni)

Skont jekk l-evalwazzjoni hijiex se titwettaq internament jew esternament (jew kombinazzjoni taż-żewġ approċċi – ara Tabella 1 hawn fuq), il-grupp tal-evalwazzjoni jista' jikkonsisti minn persunal intern tal-programm, partijiet interessati esterni u possibbilment konsulenti tar-riċerka.

Tista' tkun idea tajba li jkollok persuna waħda jew iżjed biex tissorvelja l-progress tal-grupp tal-evalwazzjoni u żżomm amment tal-perijodi ta' żmien u r-riżultati, u tikkontrolla l-problemi jekk dawn iseħħu.

### 6. Bord konsultattiv

Minbarra l-grupp ta' evalwazzjoni, tkun idea tajba wkoll li tistabbilixxi bord konsultattiv biex jipprovdik b'superviżjoni esterna għall-evalwazzjoni. Dan se jikkonsisti minn partijiet interessati li **mhumiex involuti b'mod dirett** fit-twettiq tal-evalwazzjoni iżda li għandhom **kompetenza** fil-qasam. Persuni bħal dawn jistgħu jinkludu:

- Esperti (akkademiċi) lokali, reġjonali jew nazzjonali
- Rappreżentanti mill-infurzar tal-liġi
- Aġenziji tal-istat rilevanti
- ...

## B: Kif tiżviluppa l-evalwazzjoni tiegħek

Wara li tiddefinixxi l-ideat inizjali dwar l-evalwazzjoni tal-programm tiegħek u wara li tkun iddeċidejt dwar min għandu r-responsabbiltà prinċipali għat-twettiq tal-evalwazzjoni, tista' tibda tippjana l-evalwazzjoni tiegħek f'iżjed dettall.

### 1. Kif twettaq riċerka ta' sfond

Parti importanti tal-iżvilupp ulterjuri tal-evalwazzjoni tiegħek tinvolvi l-kisba ta' fehim fil-fond tal-**programm** li qed jiġi evalwat u r-riċerka u l-evalwazzjonijiet preċedenti li twettqu fil-qasam rilevanti għall-programm tiegħek tal-prevenzjoni tal-kriminalità.

*Kif tifhem il-programm*

F'termini ta' twettiq ta' riċerka ta' sfond dwar il-programm li qed jiġi evalwat, huwa importanti li tifhem, fost affarijiet oħra:

- *X'inhuma* l-għanijiet tal-programm?/X'suppost jikseb il-programm?
- *Kif* kien mistenni li l-programm jikseb dan?
- *Liema* attivitajiet se jgħinuk tikseb dawn l-għanijiet?
- *...*



**Deskrizzjoni tal-programm**

*Id-dokumentazzjoni ta' sfond tal-programm (il-missjoni u l-viżjoni, il-pjan strateġiku,...) tista' tkun sors ta' informazzjoni utli f'dan ir-rigward. Tista' tkun idea tajba wkoll li titkellem mal-persunal tal-programm.*

*Kun komprensiv u dettaljat kemm jista' jkun meta tiddeskrivi l-programm li qed tevalwa. Dan se jgħinek tiffoka l-evalwazzjoni tal-programm tiegħek u tiżviluppa l-mistoqsijiet ta' evalwazzjoni li huma xierqa aktar tard.*

*(Ara worksheet 1.B.1, p.37 għal lista – Sors: US Department of Health and Human Services, 2011. Introduction to program evaluation for public health programs: A self-study guide (Dipartiment tal-Istati Uniti tas-Servizzi tas-Saħħa u Umanitarji, 2011. Introduzzjoni għal evalwazzjoni tal-programmi għall-programmi tas-saħħa pubblika: Gwida għal awtostudju).*

Huwa importanti li tiddeskrivi kull pass tal-programm f'termini tat-*teorija u l-mekkaniżmi* wara l-attivitajiet stabbiliti fil-programm. *Għaliex* tistenna (jew il-maniġers tal-programm tiegħek jistennew) li dawn l-attivitajiet se jirnexxu? Dawn l-attivitajiet, *kif* se jilħqu r-riżultat mistenni?



**Riżultati avversi**

*Kun konxju tal-effetti mhux maħsuba jew ir-riżultati avversi potenzjali, pereżempju, l-effetti ta' spustament f'interventi bbażati fuq żona jew iż-żieda fil-biża' mill-kriminalità għal interventi internazzjonali li jwasslu għal żieda fl-għarfien dwar il-kriminalità, eċċ.*

Għalkemm hemm diversi modi kif tista' tiddeskrivi l-programm tiegħek, **mudell loġiku** jista' jkun għodda utli meta taħseb dwar u twieġeb dawn il-mistoqsijiet[8].

F'mudell loġiku, ir-relazzjoni bejn l-attivitajiet tal-programm u r-riżultati maħsuba tiegħu tiġi deskritta filwaqt li tintwera l-loġika sottostanti wara l-programm. Permezz tas-sekwenzar tal-attivitajiet u r-riżultati u bit-tpinġija ta' vleġeġ li juru r-**relazzjonijiet kawżali** bejn l-attivitajiet u/jew ir-riżultati fuq perijodu qasir, medju u twil, il-mudell loġiku jgħinek tivviżwalizza l-'*ordni loġiku'* mistenni tal-programm tiegħek.



Pereżempju, jekk ir-riżultat maħsub ta' programm huwa l-prevenzjoni u t-tnaqqis ta' serq domestiku, hemm diversi attivitajiet – li għandhom konnessjoni kawżali – li jistgħu jitwettqu sabiex tikseb dan l-għan. It-tnedija ta' kampanja ta' prevenzjoni nazzjonali għas-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku jista' jkun approċċ wieħed. Jekk sempliċement telenka l-attivitajiet u r-riżultati maħsuba – li se ssib faċilment jekk tiddedika l-ħin biex tagħmel deskrizzjoni dettaljata tal-programm kif imsemmi hawn fuq – f'sekwenza loġika, jiġifieri "l-ewwel iridu nagħmlu dan sabiex nimxu għal dan", inti tkun qed tagħmel l-ewwel pass lejn il-ħolqien ta' mudell loġiku (ara l-eżempju fit-tabella 2 – ibbażat fuq it-tabella, p.29 f'*US Department of Health and Human Services, 2011. Introduction to program evaluation for public health programs: A self-study guide*.

**Eżempju – Prevenzjoni ta' serq domestiku**

| Attivitajiet tal-bidu | Attivitajiet ta' wara | Riżultati tal-bidu | Riżultati ta' wara |
|---|---|---|---|
| Identifika l-gruppi fil-mira | Żviluppa pjan + għodda ta' | Aktar għarfien dwar il- | Aktar prekawzjonijiet meħuda fid-djar tan-nies |

8 Ara wkoll: Mayne, J. (2008). *Contribution analysis: An approach to exploring cause and effect* . Ilac Brief 16, 4p. http://www.cgiar-ilac.org/files/ILAC_Brief16_Contribution_Analysis_0.pdf

| | | | |
|---|---|---|---|
| | komunikazzjoni | prevenzjoni tas-serq | kontra s-serq |
| Ivvaluta ż-żoni vulnerabbli | Organizza konferenza stampa | Aktar rapportar ta' imġiba suspettuża fil-viċinat | Tnaqqis fin-numru ta' serq |
| Iġbor għarfien relatat mas-serq | Niedi kampanja ta' informazzjoni | | Skambju ta' prattiki tajba ma' żoni oħrajn |
| ... | ... | ... | ... |

*Tabella 2: Eżempju tas-sekwenzar tal-attivitajiet u r-riżultati (Ara wkoll worksheet 1.B.2a, p.38)*

Mudell loġiku bażiku jista' jidher hekk:




*Figura 1: Eżempju ta' mudell loġiku bażiku*

Barra minn hekk, jistgħu jiġu miżjuda l-inputs u l-outputs tal-programm biex jikkumplimentaw l-istampa kif muri fit-tabella 3 hawn taħt.

| **Eżempju – Prevenzjoni tas-serq domestiku** | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **Inputs** | **Attivitajiet tal-bidu** | **Attivitajiet ta' wara** | **Outputs** | **Riżultati tal-bidu** | **Riżultati ta' wara** |
| Finanzjament | Identifika l-gruppi fil-mira | Żviluppa pjan + għodda ta' komunikazzjoni | Rapport ta' komunikazzjoni | Aktar għarfien dwar il-prevenzjoni tas-serq | Aktar prekawzjonijiet meħuda fid-djar tan-nies |
| Persunal imħarreġ | Ivvaluta ż-żoni vulnerabbli | Organizza konferenza stampa | Fuljetti, volantini, posters,... | Aktar rapportar ta' mġiba suspettuża fil-viċinat | Tnaqqis fin-numru ta' serqiet |
| | Iġbor għarfien relatat mas-serq | Niedi kampanja ta' informazzjoni | | | Skambju tal-aħjar prattiki |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | ma’ żoni oħra |
| … | … | … | … | … | … |

*Tabella 3: Eżempju tas-sekwenzar tal-attivitajiet u r-riżultati bl-inputs u l-outputs (Ara wkoll worksheet 1.B.2b, p.38)*

*Riċerka u metastudji preċedenti relatati mal-programm*

Minbarra li tifhem il-programm fih innifsu u qabel tiżviluppa mistoqsijiet tal-evalwazzjoni speċifiċi, huwa importanti li tiskopri dak li għamlu programmi oħra/simili u kif għamlu dan. Huwa tajjeb li tħares lejn in-netwerks u/jew il-bażijiet ta’ dejta eżistenti fejn jiġu kondiviżi l-‘aħjar prattiki’ biex issib evidenza dwar programmi simili band’oħra. Tista’ tuża l-mudell loġiku tiegħek biex taħseb dwar liema evidenza minn programmi oħra tista’ tkun rilevanti għalik.



Pereżempju, b’referenza għall-eżempju msemmi qabel dwar il-kampanja ta’ prevenzjoni dwar is-serq domestiku, tista’ tistaqsi lilek innifsek: X’inhu magħruf dwar kampanji ta’ informazzjoni mmirati lejn il-pubbliku? Dawn il-kampanji kellhom ir-riżultati maħsuba?

Ħafna drabi tista’ ssib diversi metastudji jew analiżijiet sistematiċi li għandhom l-għan li jidentifikaw, jivvalutaw u jissintetizzaw dak li jeżisti diġà relatat ma’ ċertu suġġett. Jekk teżamina din ir-riċerka preċedenti se tkun tista’ titgħallem minn dak li ħaddieħor għamel diġà f’dan il-qasam filwaqt li jkollok diversi paraguni għar-riżulati tal-evalwazzjoni tiegħek stess (ara *worksheet* 1.B.3, p.38 għal kif tikkomponi lista ta’ riċerka preċedenti).

Ħafna minn din l-informazzjoni tinsab fil-libreriji u fuq l-Internet bl-użu, pereżempju, ta’ Google Scholar.




**Kif tuża r-riżorsi onlajn**

*Hemm għadd ta’ websajts tajbin li jagħtu informazzjoni utli dwar il-programmi eżistenti ta’ prevenzjoni tal-kriminalità. Dawn jinkludu dawn li ġejjin:*

**The Campbell Collaboration for systematic reviews**
http://www.campbellcollaboration.org/

**COPS/Community Orientated Policing Services**
http://www.cops.usdoj.gov/

**The Australian institute of Criminology**
http://www.aic.gov.au/publications.html

**The National Criminal Justice Reference Service**
https://www.ncjrs.gov/App/Publications/AlphaList.aspx

**Crime Solutions.Gov**
http://crimesolutions.gov/

**The International Centre for the Prevention of Crime**
http://www.crime-prevention-intl.org/en/publications.html

*(Nota: il-lista mhijiex waħda eżawrijenti)*

## 2. Kif tiżviluppa l-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni

Wara li twettaq ir-riċerka ta’ sfond tista’ tibda tiżviluppa mistoqsijiet ta' evalwazzjoni speċifiċi li jridu jitwieġbu matul l-evalwazzjoni. Dan se jgħinek tiżgura li l-informazzjoni ġġenerata mill-evalwazzjoni tkun ta’ użu prattiku minflok sempliċement għall-finijiet ta’ għarfien.

Il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni jistgħu jkunu jeżistu diġà f’forma bażika ħafna permezz tal-għanijiet u l-objettivi tal-programm. Madankollu, probabbilment ikun meħtieġ li dawn jiġu żviluppati iżjed.

Meta tiżviluppa l-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni qis il-kuntest tal-programm li qed jiġi evalwat, l-iskop globali tal-evalwazzjoni tiegħek u l-interessi tal-partijiet interessati.




**Kif tiżviluppa l-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni**

*Mistoqsijiet ta’ evalwazzjoni tajbin għandhom ikunu:*

- *Jistgħu jitwieġbu*
- *Ibbażati fuq objettivi speċifiċi tal-programm*
- *Ċari u definiti sew*

*(Ara worksheet 1.B.4a, p.38 – kif tifformula l-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni)*

Eżempji ta’ mistoqsijiet tal-evalwazzjoni tal-proċess u tar-riżultati jistgħu jinkludu[9]:

- Ilħaqna l-għan tagħna li naċċettaw 1,000 utent tas-servizz fil-programm fis-sena? Jekk le, għaliex le?
- L-utenti tas-servizz għandhom livelli ogħla ta’ imġiba prosoċjali attribwibbli għall-programm? Hemm spjegazzjonijiet oħrajn għall-bidla fl-imġiba?
- Ksibna firxa bbilanċjata ta’ persuni li qed jipparteċipaw fl-għassa tal-viċinat madwar il-lokalità kollha? Jekk le, għaliex le? X’ostakli kien hemm? Liema kienu l-fatturi relatati mas-suċċess?
- Iż-żieda fil-parteċipazzjoni fl-għassa tal-viċinat naqqset is-serq ta’ vetturi fiż-żona lokali kollha li kienet fil-mira? Jekk ċerti żoni biss kellhom suċċess, liema kienu l-fatturi relatati ma’ dan is-suċċess? X’ostakli kien hemm f’żoni oħra?

Il-prova prinċipali ta’ kwalunkwe mistoqsija tal-evalwazzjoni hija jekk tistax titwieġeb. Għalhekk, trid taħseb dwar fejn tista’ ssib l-informazzjoni xierqa biex twieġeb il-mistoqsijiet tiegħek.

F’dan ir-rigward għandek taħseb dwar:

- X’tip ta’ informazzjoni teħtieġ? Fejn se ssib l-informazzjoni? Kif se tiġborha?
- X’tixtieq tagħmel bl-informazzjoni?
- X’tip ta’ informazzjoni se tissodisfa lill-partijiet interessati?

---

[9] Għal aktar eżempji ara Tabella 1 f’: Morgan, A. & P. Homel (2013: 3). Evaluating crime prevention: Lessons from large-scale community crime prevention programs. *Trends & Issues in crime and criminal justice*, (Evalwazzjoni tal-prevenzjoni tal-kriminalità: Lezzjonijiet minn programmi fuq skala kbira ta’ prevenzjoni tal-kriminalità fil-komunità) Nru. 458. http://www.aic.gov.au/media_library/publications/tandi_pdf/tandi458.pdf

- Għandek il-ħin u l-baġit meħtieġ biex tiġbor l-informazzjoni int stess?
- Għandek il-kompetenza biex tanalizza l-informazzjoni/dejta miġbura?
- ...

### 3. Tipi ta’ informazzjoni

Hemm essenzjalment żewġ tipi ewlenin ta’ informazzjoni jew dejta li inti se tuża biex twieġeb il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni. Dawn huma dejta kwantitattiva u dik kwalitattiva.

**Dejta kwantitattiva** (eż., dejta amministrattiva, rekords tal-pulizija jew dejta oħra statistika) tista’ tinkludi:

- Dejta demografika (età, sess, etniċità, eċċ.)
- Dejta soċjoekonomika (introjtu, aċċess għar-riżorsi, eċċ)
- Dejta kriminoloġika (rati ta’ reċidività, rati tat-tipi rilevanti ta’ reati fiż-żona lokali, eċċ)
- Dejta bbażata fuq skala psikoloġika jew skali simili (livelli ta’ empatija, tendenzi ta’ teħid ta’ riskju, biża’ mill-kriminalità, eċċ.)

Deċiżjoni importanti fil-pjan ta’ evalwazzjoni tiegħek hija li tiddetermina jekk hux se tiġbor id-dejta meħtieġa inti stess, jiġifieri **ġbir ta’ dejta primarja**, jew jekk hemmx sorsi ta’ dejta eżistenti fejn tista’ ssib l-informazzjoni biex twieġeb il-mistoqsijiet tiegħek, jiġifieri **ġbir ta’ dejta sekondarja**. Madankollu, dejjem għandek tkun kritiku tad-dejta eżistenti (Affidabilità? Preġudizzju? Validità?) u tiżgura li din tista’ tintuża għall-iskop tal-evalwazzjoni tiegħek. Pereżempju, iċ-ċifri tal-kriminalità rreġistrati mill-pulizija jistgħu ma jkunux indikaturi affidabbli ħafna tar-rati reali tal-kriminalità. Ċerti reati jistgħu ma jiġux irrapportati biżżejjed u dawn ħafna drabi jirriflettu l-isforzi u l-prijoritajiet tal-pulizija aktar milli r-rati reali tal-kriminalità. Dejta ta’ stħarriġ eżistenti, mill-banda l-oħra, tista’ ma’ tistaqsix il-mistoqsijiet xierqa jew jista’ jkollha daqsijiet ta’ kampjuni żgħar wisq għall-popolazzjoni fil-mira tiegħek.

**Dejta kwalitattiva** (eż. dejta bbażata fuq il-fehmiet/stejjer ta’ persuni minflok numri) tista’ tinkludi l-fehmiet u l-opinjonijiet, pereżempju, tal-fornituri tas-servizz jew l-utenti tas-servizz.



**Dejta Kwantitattiva vs. Kwalitattiva**

*Ġeneralment, id-dejta kwalitattiva tintuża għall-**iżvilupp** tat-teorija filwaqt li d-dejta kwantitattiva tintuża għall-**ittestjar** tat-teorija. Għalhekk, il-metodi kwantitattivi huma aktar xierqa jekk tixtieq tkejjel l-effetti ta’ programm.*

*Huwa importanti li tirrealizza li kemm id-dejta kwalitattiva kif ukoll dik kwantitattiva għandhom ir-rigorożità metodoloġika tagħhom u li n-nies jeħtieġu l-ħiliet meħtieġa biex jiġbruhom, janalizzawhom u jinterpretawhom. Ir-riżultati tad-dejta kwalitattiva (eż. l-perċezzjonijiet tal-gruppi fil-mira permezz ta’ intervisti fil-fond) jistgħu jkunu utli ħafna biex jappoġġjaw jew jirfinaw is-sejbiet kwantitattivi tiegħek IŻDA jridu jiġu distinti mill-evalwazzjoni tal-impatt jew tar-riżultati!*

L-approċċi tar-riċerka kwalitattiva u kwantitattiva għall-istħarriġ kienu tradizzjonalment jitqiesu bħala reċiprokament esklussivi u bbażati fuq filosofiji sottostanti differenti ħafna. Madankollu l-użu ta’ kombinazzjoni ta’ metodi kwalitattivi u kwantitattivi jista’ joffri ħafna benefiċċji potenzjali.

Pereżempju d-dejta miġbura matul intervisti kwalitattivi tista' tintuża biex tinforma l-iżvilupp tal-mistoqsijiet tal-istħarriġ. Għall-kuntrarju, subsett ta' persuni li iġu mistoqsija bħala parti minn stħarriġ jistgħu jintgħażlu għal intervisti kwalitattivi sabiex il-fehmiet tagħhom jiġu esplorati f'aktar dettall.

Ċerti mistoqsijiet tal-evalwazzjoni jistgħu jeħtieġu li jintużaw iż-żewġ tipi ta' dejta. Madankollu, dan probabbli jeħtieġ baġit ikbar (ara *worksheet* 1.B.4b, p. 39*).*

**Sorsi tad-dejta eżistenti**

*Ċerti sorsi tad-dejta sekondarji li jista' jkun fihom informazzjoni utli għall-programmi ta' prevenzjoni tal-kriminalità huma:*

- ***Osservatorji tad-dejta jew ċentri ta' monitoraġġ** fuq livell lokali, reġjonali jew nazzjonali li ħafna drabi jiġbru dejta dwar il-kriminalità, is-saħħa pubblika jew il-miżuri soċjoekonomiċi, eż. l-Osservatorju Reġjonali dwar il-Politiki tas-Sigurtà fl-Italja jew l'Observatoire national de la délinquance fi Franza. Dawn ħafna drabi jibnu wkoll **Sistemi ta' Informazzjoni Ġeografika (GIS)** li jikkombinaw id-dejta tar-reati mal-informazzjoni tal-lokazzjoni ġeografika.*

- ***Is-servizzi tal-ġustizzja u l-ħabs** huma sors ta' informazzjoni dwar il-karatteristiċi tal-persuni li jagħmlu r-reati u l-popolazzjoni tal-ħabs, it-tip ta' sentenzi u trattament, ir-ripetizzjoni tar-reati,...*

- ***Stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni jew studji ta' awtorapportar** iħarsu lejn problemi ta' kriminalità speċifiċi jew popolazzjonijiet fil-mira u ħafna drabi jitwettqu f'firxa ta' pajjiżi, eż. l-Istħarriġ Internazzjonali dwar il-Vittimizzazzjonijiet tar-Reati (ICVS) - http://www.unicri.it/services/library_documentation/publications/icvs/statistics/*

- ***Stħarriġ trażversali jew lonġitudinali mwettaq perjodikament** ieħor jista' jipprovdi informazzjoni siewja dwar indikaturi demografiċi u soċjoekonomiċi iżda anki dwar l-attitudnijiet, il-perċezzjonijiet jew l-opinjonijiet tan-nies dwar ċerti kwistjonijiet, eż Il-Modulu dwar il-Fiduċja fil-Pulizija u l-Qrati tal-Istħarriġ Soċjali Ewropew (http://ess.nsd.uib.no/ess/round5/) jew l-Istħarriġ tal-Eurobarometer imwettaq mill-Kummissjoni Ewropea*

- ***Eurostat** jagħti aċċess onlajn għal dejta demografika u soċjoekonomika (għalkemm id-dejta ħafna drabi mhijiex aġġornata) http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/statistics/themes u dwar ir-reati rreġistrati u l-ġustizzja kriminali http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/crime/data/database għall-Istati Membri kollha Ewropej u anki fil-livell reġjonali NUTS 3.*

- ***Iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA)** jagħti informazzjoni u dejta dwar id-drogi u d-dipendenza fuq id-droga fl-Ewropa.*

- ***Sorsi ta' dejta oħra** jistgħu jkunu l-iskejjel, is-servizzi soċjali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, is-servizzi ta' akkomodazzjoni, l-universitajiet jew l-istituti ta' riċerka, l-organizzazzjonijiet privati,...*

*Kun żgur li tiċċekkja jekk hemmx xi bażi ta' dejta eżistenti fil-kuntest lokali/nazzjonali tiegħek stess li jista' jkun fihom dejta li tista' tuża!*

## 4. Kif tiżviluppa l-indikaturi

Sabiex twieġeb għall-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni tiegħek u tiġbor id-dejta msemmija qabel teħtieġ tiżviluppa l-indikaturi. Dawn jagħtuk informazzjoni speċifika ħafna li tista' titkejjel dwar il-programm tiegħek u għalhekk għandhom ikunu konkreti u ċari. It-tipi ta' indikaturi li tagħżel li tuża se jiddependu fuq il-programm involut u fuq jekk intix biħsiebek tiffoka fuq il-proċessi jew fuq ir-riżultati.

Eżempji ta' **indikaturi tar-riżultati** għal programm għat-tnaqqis tas-serq jistgħu jinkludu:

- Bidliet fl-okkorrenza tas-serq fiż-żona,
- Bidliet fis-sens ta' sigurtà tal-persuni

Eżempji ta' **indikaturi tal-proċess** għal programm għat-tnaqqis tas-serq jistgħu jinkludu

- Informazzjoni dwar in-numri li qed jipparteċipaw fil-programm.
- Informazzjoni dwar il-livell ta' sodisfazzjon tal-fornituri u l-parteċipanti tal-programm.

Hawn tista' tinnota faċilment li l-**monitoraġġ** tal-output tal-programm tiegħek jista' jappoġġja evalwazzjoni tal-proċess. Madankollu, ftakar li l-monitoraġġ – li huwa biss ġbir sistematiku u ta' rutina ta' informazzjoni – MHUWIEX evalwazzjoni. L-evalwazzjoni tal-proċess tmur pass ulterjuri bili tanalizza d-dejta miġbura, tinterpreta r-riżultati u, jekk il-programm ikun għadu għaddej, tidentifika l-passi biex tikkoreġi ċerti proċessi jekk dan huwa meħtieġ (ara *worksheets* 1.B.5a & 1.B.5b, p.39).

Jekk tiddefinixxi dawn l-indikaturi tar-riżultati se tkun tista' tiddeċiedi dwar kif tfassal l-evalwazzjoni, it-tip ta' informazzjoni u l-metodi ta' ġbir tad-dejta. Pereżempju, sabiex tkun tista' tiddetermina jekk hemmx żieda fil-proporzjon ta' persuni li jafu kif jevitaw is-serq jew le, teħtieġ tkun taf xi proporzjon ta' nies kienu jafu dwar dan qabel l-implimentazzjoni tal-programm tiegħek (ara wkoll il-paragrafu li jmiss dwar *kif tfassal l-evalwazzjoni*). Tista' tagħżel li tiġbor din id-dejta, pereżempju, billi twettaq stħarriġ (ara wkoll sezzjoni 2 dwar *ġbir u analiżi tad-dejta*). Iż-'żieda fir-rapportar ta' mġiba suspettuża fil-viċinat' forsi tista' tiġi analizzata permezz tar-rekords tal-pulizija (*tip ta' informazzjoni*); 'aktar prekawzjonijiet meħuda fid-djar tan-nies' (eż. tidwil aħjar tal-ispazji esterni) tista' tiġi osservata (*metodu ta' ġbir tad-dejta*), eċċ. (Ara wkoll Parti 1: Dokument tematiku, p.7-9 għal aktar informazzjoni).

**Suċċess jew falliment?**

*Sabiex tagħmel sens mill-informazzjoni pprovduta permezz tal-indikaturi teħtieġ tiżviluppa kriterji biex tiġġudika jekk il-bidliet li ssib humiex evidenza ta' suċċess (żieda fis-sens ta' sigurtà) jew falliment (rati baxxi ta' parteċipazzjoni fil-programm).*

## 5. Kif tfassal l-evalwazzjoni biex tkejjel l-impatt

Jekk int għażilt li twettaq evalwazzjoni tar-riżultati dan huwa għaliex int interessat/a tkun taf jekk il-programm tiegħek ikkawżax riżultat partikolari. Madankollu, sabiex tiskopri jekk programm ikkawżax riżultat partikolari huwa kompitu kumpless.

Sabiex tgħaddi ġudizzju dwar ir-riżultat jew l-impatt ta' programm, teħtieġ:

- Ikollok informazzjoni dwar is-sitwazzjoni ta' qabel l-implimentazzjoni tal-programm.

- Ikollok informazzjoni dwar il-bidla/progress fis-sitwazzjoni wara l-implimentazzjoni tal-programm.
- Tkun kapaċi tattribwixxi l-bidla/progress għall-programm

Hemm tliet approċċi li tista' tieħu biex turi li seħħet bidla bħala riżultat tal-programm tiegħek. Dak li tagħżel se jiddependi fuq l-informazzjoni li tixtieq, x'konklużjonijiet tixtieq tasal għalihom u kemm għandek żmien u riżorsi (nies u baġit) disponibbli. Dawn it-tliet approċċi se jiġu deskritti fil-qosor fil-paragrafi li ġejjin (Ara wkoll Parti 1: Dokument tematiku, p.8-9 għal aktar informazzjoni).

***Tfassil ta' qabel u wara l-programm***

Dan jinvolvi l-kejl tas-sitwazzjoni ta' qabel il-programm tiegħek u mbagħad ta' wara li l-programm ikun tlesta. Il-bidliet evidenti fit-test ta' wara huma attribwiti għall-programm. Dan it-tip ta' tfassil huwa l-orħos u l-iktar faċli biex jiġi implimentat, madankollu, mhux possibbli li telimina b'mod effettiv ir-riskju li l-bidla tkun qed tiġi kkawżata minn varjabbli oħra.

Tfassil bażiku tal-evalwazzjoni jista' jidher hekk:




*Figura 2: Eżempju ta' tfassil bażiku mhux sperimentali ta' qabel u wara l-programm*



Pereżempju, l-għadd ta' serqiet naqas fiż-żona fejn nedejt il-kampanja ta' prevenzjoni tiegħek iżda matul il-kampanja tiegħek kien hemm ukoll titjib tad-dwal tat-toroq f'dik iż-żona. Għalhekk, kien l-impatt tal-programm tal-prevenzjoni tiegħek jew tad-dwal tat-toroq (jew it-tnejn li huma) li wassal għat-tnaqqis?

***Grupp ta' intervent u kontroll (tfassil kważi sperimentali)***

Sabiex tiskopri l-impatt proprju tal-programm tiegħek trid tkun taf x'kienet tkun is-sitwazzjoni kieku l-programm tiegħek ma kienx implimentat. Għalhekk, trid tinkludi grupp/żona ta' kontroll fit-tfassil tiegħek li għandha l-istess karatteristiċi bħall-grupp/żona fil-programm tiegħek f'termini ta' daqs, rati ta' kriminalità u kompożizzjoni soċjali sabiex tkun paragunabbli, iżda li mhijiex inkluża fil-programm ta' prevenzjoni tiegħek.

Fi tfassil kważi sperimentali inti selettivament tpoġġi l-parteċipanti fi grupp ta' kontroll jew intervent. F'dan it-tfassil il-bidla/progress fiż-żewġ gruppi/żoni jistgħu jiġu mqabbla. Fl-eżempju tagħna l-grupp/żona ta' kontroll b'karatteristiċi simili ma kienx inkluż fil-kampanja ta' prevenzjoni dwar is-serq iżda ngħata dawl fit-toroq ġdid fl-istess perijodu ta' żmien. Il-bidla evidenti fil-grupp ta' intervent iżda mhux fil-grupp ta' kontroll tista' tiġi attribwita għall-programm. Għall-kuntrarju ta' tfassil sperimentali (ara l-eżempju li jmiss) mhuwiex possibbli li telimina kompletament il-possibbiltà li l-bidla tista' tkun qed tiġi kkawżata minn fattur ieħor għalkemm dan ir-riskju jista' jitnaqqas.

It-tfassil kważi sperimentali tal-evalwazzjoni jidher hekk:




*Figura 3: Eżempju ta' tfassil bażiku (kważi) sperimentali*



**Evita effetti konsegwenzjali**

*Ipprova agħżel żona paragunabbli li MHIJIEX viċin taż-żona fil-mira jew sperimentali sabiex tevita effetti konsegwenzjali/kontaminazzjoni. Pereżempju, jekk tqabbel l-effett ta' programm ta' prevenzjoni f'żona unika żvantaġġata tal-belt u li normalment għandha kriminalità għolja, mal-bqija tal-belt dan se jwassal għal limitazzjonijiet serji tar-riżultati tiegħek.*

***Provi aleatorji ta' kontroll (Tfassil sperimentali)***

Dan jinvolvi l-allokazzjoni aleatorja tal-parteċipanti għal grupp ta' kontroll jew sperimentali wieħed jew iżjed. Il-gruppi kollha (sperimentali u ta' kontroll) huma vvalutati qabel u wara li jirċievu (programm ta') intervent, u jiġu kkontrollati d-differenzi ta' qabel il-programm jew avvenimenti oħra li jistgħu jinfluwenzaw ir-riżultat (eż. dwal tat-toroq ġodda). Kwalunkwe bidla li tiġi skoperta tista' tiġi attribwita għall-(programm ta') intervent. It-tfassil sperimentali jitqies bħala tal-ogħla livell; madankollu huwa kumpless, jiswa' ħafna u żgur li jeħtieġ l-input ta' persuni bil-kompetenza rilevanti.



**Riżultati fuq perijodu qasir, medju jew twil**

*Trid tikkunsidra jekk tridx tkejjel ir-riżultati fuq perijodu qasir, medju jew twil. Jista' jgħaddi ż-żmien sakemm programm jiġi implimentat u jseħħu l-bidliet.*

## 6. Żviluppa pjan ta' evalwazzjoni

Meta tkun iddeċidejt dwar il-passi kollha msemmija qabel, il-grupp ta' evalwazzjoni se jeħtieġ jiżviluppa pjan tal-evalwazzjoni biex jgħinek iżżomm amment tal-progress tiegħek. Il-pjan għandu jinkludi:

- Il-kompiti li jridu jsiru
- L-outputs meħtieġa tal-kompiti
- Min huwa responsabbli u għalxiex
- Il-perjodu ta’ żmien involut
- L-ispejjeż ta’ kull kompitu

Il-pjan tal-evalwazzjoni għandu jinkludi wkoll it-termini ta’ referenza tal-evalwazzjoni. Dan id-dokument jistabbilixxi dak li l-evalwazzjoni għandha tinvolvi. Irid jiġi miftiehem qabel ma tibda l-evalwazzjoni. Dan għandu jinkludi:

- L-iskop tal-evalwazzjoni
- Il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni
- Ir-rekwiżiti tal-evalwaturi
- Il-format mistenni tar-rapport finali
- Il-baġit

Kif imsemmi qabel, tista’ tkun idea tajba li jkollok persuna timmonitorja dan il-pjan tal-evalwazzjoni u tiġġestixxi l-grupp tal-evalwazzjoni.

Wara li tippjana l-aspetti differenti tal-evalwazzjoni tista’ tkun tixtieq tirrevedi jew tibdel uħud minn dawn il-passi fid-dawl tal-oħrajn.

# Sezzjoni 2: Ġbir u analiżi tad-dejta

## A: Ġbir tad-dejta

Hemm diversi modi kif tista' tinġabar id-dejta. L-approċċ li se tieħu se jkun ibbażat fuq:

- it-tip ta' dejta li trid/teħtieġ biex twieġeb il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni tiegħek
- kemm hija aċċessibbli d-dejta li teħtieġ
- x'inhu l-iżjed fattibbli f'termini tal-baġit, il-ħin u r-riżorsi umani tiegħek

Dawn li ġejjin huma l-approċċi jew il-metodi l-aktar komuni tal-ġbir tad-dejta għalkemm hemm numru ta' approċċi oħra li jistgħu jintużaw ukoll.

Kultant huwa rrakkomandat ukoll li tuża kombinazzjoni ta' metodi biex tikkumplimenta u tirrinforza ċerti konklużjonijiet, jiġifieri trijangolazzjoni[10]. Pereżempju, il-karatteristiċi tad-djar li jisfaw vittma ta' serq (kwantitattiva) vs. l-esperjenza tal-vittmi tas-serq (kwalitattiva). Huwa importanti li tkun taf li irrispettivament mill-metodu li tuża, kull waħda għandha l-qawwiet iżda anki l-limitazzjonijiet tagħha li jistgħu jinfluwenzaw il-kwalità tad-dejta (għal ħarsa ġenerali lejn il-qawwiet u d-dgħjufijiet tal-metodi kwantitattivi vs dawk kwalitattivi ara, eż., Tabella 6.1 ta' *The Magenta Book: guidance notes for policy evaluation and analysis – 2007 edition (Il-Ktieb Magenta: noti ta' gwida għal evalwazzjoni u analiżi tal-politiki – edizzjoni tal-2007, p.6:3).*

**Aktar qari**

Għalkemm dan il-kapitolu se jagħti ħarsa ta' malajr lejn l-approċċi jew il-metodi l-aktar komuni ta' ġbir tad-dejta, huwa lil hinn mill-intenzjoni ta' dan il-manwal li jipprovdi kors fil-metodoloġiji tar-riċerka.

Għalhekk, jekk ma għandekx il-kompetenza ġusta fil-grupp ta' evalwazzjoni tiegħek fuq, eż., it-teħid ta' kampjuni, l-analiżi statistika, l-iżvilupp ta' strumenti tal-istħarriġ, l-iżbalji tal-kejl jew it-tfassil tar-riċerka kwantitattiv jew kwalitattiv, jista' jkollok bżonn tal-għajnuna ta' riċerkatur/statistiku.

Barra minn hekk, il-kapitoli 4 sa 8 ta' *The Magenta Book: guidance notes for policy evaluation and analysis - 2007 edition* jagħti introduzzjoni bażika tajba għall-istatistika u l-ġbir tad-dejta: http://resources.civilservice.gov.uk/wp-content/uploads/2011/09/the_complete_magenta_book_2007_edition2.pdf

**Ftakar l-iskop u l-għanijiet globali tiegħek**

*Matul evalwazzjoni, huwa faċli li tiffoka wisq fuq id-dejta u l-firxa wiesgħa ta' metodoloġiji tal-ġbir tad-dejta. Ftakar li, irrispettivament mill-metodu li tagħżel, **iġbor biss l-informazzjoni li se tuża** biex twieġeb għall-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni.*

*Inti għandek ukoll **tkun taf kif se tuża din** l-informazzjoni **qabel** tiġborha.*

### 1. Approċċi kwantitattivi

**Stħarriġ**

L-istħarriġ normalment ikun ibbażat fuq kwestjonarji strutturati. Dawn jistgħu jintużaw jekk inti tixtieq tiġbor informazzjoni *fattwali*, pereżempju, is-sess u l-età, iżda anki informazzjoni dwar l-*imġiba* u l-*attitudnijiet*, pereżempju, kemm-il darba xi ħadd jipparteċipa fil-programm jew kemm hu/hi sodisfatt/a bi

10 Tijangolazzjoni tfisser il-ġbir flimkien ta' tipi differenti ta' dejta, jew kultant modi differenti kif tfittex id-dejta, biex twieġeb għall-mistoqsijiet ta' riċerka (Magenta book( 2007), p.8:29).

programm speċifiku, jew jekk trid tkejjel il-livell ta' *għarfien* ta' xi ħadd dwar (l-eżistenza ta') ċertu programm. L-istħarriġ huwa metodu tajjeb biex tiġbor ammonti kbar ta' informazzjoni standardizzata fi żmien relattivament qasir.

*Kif tfassal il-kwestjonarji*

Jekk tiddeċiedi li tfassal il-kwestjonarju tiegħek, il-passi li ġejjin se jkunu utli.

- Il-mistoqsijiet inklużi fil-kwestjonarju għandhom ikunu relatati speċifikament mal-mistoqsijiet tar-riċerka.
- Żomm il-kwestjonarju qasir kemm jista' jkun billi tevita mistoqsijiet superfluwi.
- Aħseb dwar kif se tuża u tanalizza l-informazzjoni li tieħu minn kull mistoqsija.
- Evita jew uża kemm jista' jkun ftit il-mistoqsijiet miftuħa (open-ended).
- Żomm in-numru ta' kategoriji f'mistoqsijiet magħluqa limitati kemm jista' jkun u kun ċert/a li l-kategoriji ma jkunux ambigwi jew jirkbu fuq xulxin
- Evita l-mistoqsijiet doppji (jiġifieri li tistaqsi żewġ affarijiet f'mistoqsija waħda) jew li tuża n-negattivi doppji.
- Ipprattika l-ewwel abbozz tal-kwestjonarju ma' numru żgħir ta' persuni biex tara jekk hemmx mistoqsijiet li jridu jinbidlu.
- Kun ċert li l-kwestjonarju jkun stampat f'mod ċar u mqassam b'mod ċar.



**Eżempju: Mistoqsijiet miftuħin u magħluqin[11]**

**Mistoqsija miftuħa**

Fl-opinjoni tiegħek x'inhu l-aktar punt pożittiv tal-programm?

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______

*((Jiġi pprovdut spazju biex jippermetti lil min qed iwieġeb jikteb it-tweġiba tiegħu fi kliemu).*

**Mistoqsija magħluqa**

Kemm-il darba tattendi l-programm?

- Kuljum
- Ftit drabi fil-ġimgħa (iżda mhux kuljum)
- Darba fil-ġimgħa
- Ftit drabi fix-xahar (iżda mhux kull ġimgħa)
- Darba fix-xahar
- Inqas minn darba fix-xahar
- Qatt

*(Min iwieġeb irid jagħti waħda mill-alternattivi speċifikati minn qabel).*

*Tabella 4: Eżempju ta' mistoqsija miftuħa u magħluqa*

11 Għal ħarsa ġenerali lejn il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' mistoqsijiet li ma għandhomx mistoqsijiet speċifiċi mqabbla ma' mistoqsijiet li għandhom, ara t-Tabella 6.5 ta' *The Magenta Book: guidance notes for policy evaluation and analysis - 2007 edition*, p.6:12.

Il-kwestjonarji jistgħu jsiru personalment (jiġifieri intervista standardizzata wiċċ imb' wiċċ), fuq it-telefown, onlajn (eż. permezz ta' *survey monkey*) jew bil-posta[12]. Kull wieħed minn dawn l-approċċi għandu l-vantaġġi u l-iżvantaġġi tiegħu (ara, pereżempju, il-ħarsa ġenerali fit-Tabella 4.2, p.60 ta' *US Department of Health and Human Services, 2011. Introduction to program evaluation for public health programs: A self-study guide - http://www.cdc.gov/eval/guide/CDCEvalManual.pdf.*).

**Kif tagħżel approċċ għall-istħarriġ**

*Kun żgur li tagħżel approċċ li huwa **l-aħjar għaċ-ċirkostanzi ta' evalwazzjoni tiegħek**. Pereżempju, l-iskop tal-informazzjoni li għalih qed tiġbor, it-tip u n-numru ta' persuni li tixtieq tiġbor informazzjoni mingħandhom, l-aċċess li għandek għar-riżorsi disponibbli: baġit, żmien u kompetenzi fil-grupp ta' evalwazzjoni tiegħek jew barra minnu.*

**Valutazzjonijiet psikoloġiċi u tal-attitudnijiet standardizzati** jistgħu jintużaw biex titkejjel firxa ta' kwistjonijiet bħalma huma s-saħħa ġenerali, is-saħħa mentali, il-komportamenti soċjali u s-sitwazzjoni ta' min għandu diżabilità eċċ. Dawn il-valutazzjonijiet jistgħu jkunu ferm utli meta wieħed ikun qed jipprova jkejjel l-impatt tal-programmi fuq l-utenti tas-servizzi. Pereżempju, jekk il-programm tiegħek li jirrigwarda l-prevenzjoni tal-kriminalità qed jipprova jnaqqas ir-reċidività billi jsaħħaħ il-komportamenti prosoċjali, l-utenti tas-servizz jistgħu jkunu evalwati qabel u wara li jkunu pparteċipaw fil-programm biex tara x'effett kellu. Il-kwestjonarji standardizzati huma żviluppati minn riċerkaturi u għandhom il-vantaġġ li jkunu ġew żviluppati u ttestjati fil-post.

## 2. Approċċi kwalitattivi

### Intervisti fil-fond

L-intervisti fil-fond jew mhux strutturati jintużaw biex tinġabar informazzjoni kwalitattiva fil-fond dwar suġġetti kumplessi li ma jistgħux jitkejlu f'termini numeriċi dwar, pereżempju, l-opinjonijiet jew is-sentimenti dwar programm. Ħafna drabi dawn huma metodu tajjeb biex tesplora suġġett jew qasam ġdid li inti interessat fih li aktar 'il quddiem jista' jiġi segwit b'approċċ kwantitattiv aktar strutturat. Għalhekk, l-intervisti kwalitattivi ħafna drabi huma assoċjati mal-iżvilupp ta' teoriji aktar milli l-ittestjar ta' teoriji li huwa ħafna drabi l-każ għal approċċi kwantitattivi. F'intervisti kwalitattivi, il-kwalità tal-informazzjoni miġbura se tiddependi fuq il-ħila tal-intervistatur/intervistatriċi u r-relazzjoni tiegħu/tagħha ma' min qed iwieġeb.

L-intervisti jistgħu jvarjaw bejn dawk li għandhom mistoqsijiet speċifiċi ħafna (intervisti semistrutturati) għal dawk li huma essenzjalment konverżazzjoni informali (intervisti mhux strutturati). Dan jagħti lill-intervistaturi ħafna flessibilità fl-approċċ lejn il-proċess tal-intervista għall-kuntrarju tal-approċċ strutturat li jintuża fir-riċerka tal-istħarriġ. L-intervisti jistgħu jitwettqu fuq bażi individwali jew fi gruppi, jiġifieri gruppi fokus.

Meta twettaq intervista fil-fond il-passi li ġejjin se jkunu utli.

- Ara li jkollok lista ta' oqsma ta' suġġetti ġenerali li tixtieq tiffoka fuqhom (jiġifieri gwida għall-intervista).
- Tistaqsix mistoqsijiet suġġestivi.

12 Ħafna drabi l-intervisti (personali, bit-telefown jew fuq il-web) isiru bl-għajnuna tal-kompjuter: CAPI (*computer assisted personal interview* – intervista personali bl-għajnuna tal-kompjuter), CATI (*computer assisted telephone interview* – intervista bit-telefown bl-għajnuna tal-kompjuter), CASI (*computer assisted self-interviewing* – awtointervista bl-għajnuna tal-kompjuter), għall-kuntrarju ta' PAPI (intervista bil-miktub).

- Ifformula l-mistoqsijiet tiegħek f'mod li jgħinek twieġeb għall-mistoqsijiet tar-riċerka tiegħek iżda kun ippreparat biex tkun flessibbli fl-intervista.
- Ifformula l-mistoqsijiet f'lingwaġġ li jista' jinftiehem aħjar minn min qed iwieġeb.
- Ippermetti lil min qed iwieġeb jesprimi ruħu sew mingħajr ma tħallih jitbiegħed wisq mis-suġġett.
- Staqsi mistoqsijiet li jkollhom segwitu (jiġifieri ta' approfondiment) jekk min qed iwieġeb jgħid xi ħaġa li hija rilevanti għal dak li tixtieq tesplora aktar fil-fond.
- Ikteb noti dwar l-intervista, inkluża l-informazzjoni dwar l-isem, l-età, is-sess, kemm qatta' żmien fil-programm eċċ. għaliex dawn se jkunu utli biex jipprovdu kuntest.
- Irreġistra l-intervista fuq reġistratur tat-tejps jew elettroniku (iżda staqsi għall-permess biex tagħmel dan).
- Wettaq l-intervista f'post kwiet fejn hemm inqas ċans li tiġu interrotti.

In-numru ta' intervisti li teħtieġ twettaq se jiddependi fuq iċ-ċirkostanzi tal-evalwazzjoni tiegħek. Madankollu, huma meħtieġa biss numru żgħir meta mqabbel mar-riċerka tal-istħarriġ għaliex l-għan huwa li tiġbor informazzjoni fil-fond u mhux li tagħmel ġeneralizzazzjonijiet mill-kampjun tiegħek għal grupp ikbar.

**Gruppi fokus**

Grupp fokus huwa tip ta' intervista fi grupp li fiha jkun hemm diversi parteċipanti (b'numru massimu ta' madwar 10-12-il persuna fi grupp wieħed biex tiżgura li kulħadd jinvolvi ruħu fid-diskussjoni). It-tema tal-grupp fokus normalment hija ddefinita sew u l-enfasi hija fuq kif l-individwi fil-grupp fokus jinteraġġixxu u jwieġbu l-mistoqsijiet fi grupp u bħala grupp.

L-individwi normalment jintgħażlu fuq il-bażi ta' karatteristika importanti komuni, pereżempju li kollha pparteċipaw fl-istess programm jew bħala persunal jew bħala klijenti u d-diskussjoni normalment tikkonċentra fuq din l-esperjenza komuni.




**Kif tintervista l-persunal ewlieni tal-programm u l-utenti tas-servizz**

*L-intervisti fil-fond jistgħu jkunu metodu tajjeb biex tiġbor informazzjoni dettaljata minn persuni ewlenin fil-programm, bħad-direttur tal-programm jew persuni oħra simili, li għandhom kompetenza u fehim partikolari li huma speċifiċi għall-pożizzjoni tagħhom.*

*L-intervisti individwali u/jew fi grupp ukoll huma metodu tajjeb biex tesplora l-fehmiet ta' numru iżgħar ta' utenti tas-servizz.*

**Osservazzjoni**

Id-dejta miġbura bl-osservazzjoni tista' żżid mal-informazzjoni miġbura bl-istħarriġ jew l-intervisti. Din tista' tkun utli b'mod partikolari jekk l-għan tiegħek huwa li tiġbor informazzjoni dwar il-qawwiet u d-dgħjufijiet tal-operazzjonijiet tal-programm tiegħek billi tosserva u tiddokumenta l-attivitajiet tal-persunal tal-proġett u l-utenti tas-servizz.

L-osservazzjoni hija utli fil-modi li ġejjin:

- Tgħinek tikseb fehim ġenerali aħjar tal-kuntest tal-programm (il-post, il-persunal, l-utenti tas-servizz, l-atmosfera ġenerali, eċċ).
- Tippermettik tiżviluppa mistoqsijiet li tista' tuża aktar tard fil-kwestjonarji jew l-intervisti.
- Tippermettik tiskopri aspetti tal-operazzjoni tal-programm li l-persunal mhux konxju dwarhom jew mhux lest jiddiskuti.

Jekk tiddeċiedi li tuża l-osservazzjoni bħala metodu għall-ġbir tad-dejta ikun tajjeb li tiftakar li l-persuni jistgħu jaġixxu f'mod differenti jekk ikunu jafu li qed jiġu osservati. Huwa importanti wkoll li tikseb il-kunsens tal-persuni li jkunu qed jiġu osservati.

**Kif tirrevedi d-dokumentazzjoni tal-programm**

Id-dokumenti interni tal-programm jistgħu jkunu sors siewi ta' informazzjoni biex tifhem aħjar il-programm. Din id-dokumentazzjoni tista' tinkludi:

- L-istqarrijiet tal-missjoni u/jew pjanijiet strateġiċi
- Organigrammi
- Rapporti annwali
- Skedi tal-attivitajiet
- Djarji
- Minuti tal-laqgħat
- Proposti għall-finanzjament
- Rekords tal-attendenza
- Materjal promozzjonali (fuljetti, bullettini, powsters,...)




**Kif tuża l-osservazzjoni u l-analiżi tad-dokumentazzjoni biex tifformula l-mistoqsijiet**

*Kemm l-osservazzjoni kif ukoll l-analiżi tad-dokumentazzjoni jistgħu jipprovdu tagħrif li jista' jintuża biex jgħin fl-ifformular tal-mistoqsijiet għal stħarriġ jew intervisti.*

Materjali bħal dawn jista' jkun fihom informazzjoni importanti dwar l-isfond tal-programm, u r-riżultati ta' proġett partikolari u jistgħu jipprovdu wkoll informazzjoni dwar kif il-programm inbidel maż-żmien.

**Metodi oħrajn** bħall-metodu Delphi, sondaġġi jew sessjonijiet ta' ħidma tal-esperti huma wkoll eżempji ta' approċċi kwalitattivi.

Hemm ċerti kwistjonijiet li trid tqis relatati ma' dawn il-metodi kwantitattivi u kwalitattivi, bħar-rati ta' rispons, il-probabbiltà, il-validità u l-affidabilità, eċċ li wħud minnhom huma diskussi fid-dokument tematiku ta' dan is-sett ta' għodda (ara Parti 1: dokument tematiku, p. 14-17).

## B: Kif tanalizza u tinterpreta d-dejta

Meta tkun ġbart id-dejta, il-passi li jmiss iridu jkunu:

- Li tnaddaf id-dejta tiegħek, jiġifieri torganizza l-informazzjoni u tara jekk hemmx żbalji
- Li tiddeskrivi dak li ssib
- Li tanalizza u tinterpreta d-dejta fil-kuntest ta' dak li qed tevalwa

- Li tiddiskuti s-sejbiet tiegħek mal-partijiet interessati

**Kif tinterpreta d-dejta**

*Meta tinterpreta d-dejta u tirrapporta r-riżultati tiegħek, kun ċar u miftuħ dwar il-limitazzjonijiet tad-dejta tiegħek (jiġifieri l-validità u l-affidabilità interna u esterna) u tipprovax tonfoħ jew tesaġera l-konklużjonijiet tiegħek. Dan se jgħinek tiżgura li l-evalwazzjoni tiegħek tkun waħda robusta u li tevita konklużjonijiet mhux validi.*

X'tip ta' analiżi u interpretazzjoni tagħmel se jiddependi fuq jekk it-tip ta' dejta li ġbart hijiex kwantitattiva jew kwalitattiva.

1. **Dejta kwantitattiva**

L-analiżi kwantitattiva tista' tvarja fil-kumplessità mill-kalkolazzjoni tal-medji għal tekniki statistiċi iżjed ikkumplikati li jesploraw ir-relazzjoni bejn il-varjabbli differenti. Analiżi kwantitattiva iżjed sempliċi li tinvolvi perċentwali u medji tista' titwettaq mill-persunal tal-programm filwaqt li analiżi statistika iżjed kumplessa għandha titwettaq minn persuna bil-ħiliet u l-kompetenza fir-riċerka xierqa.

Meta tanalizza u tinterpreta d-dejta kwantitattiva għandek tieħu l-passi li ġejjin:

**Naddaf id-dejta tiegħek**

Wara li tkun ġbart id-dejta tiegħek il-passi li jmiss għandhom ikunu li:

- Torganizza l-informazzjoni billi ddaħħal id-dejta f'pakkett ta' softwer statistiku bħall-Excel jew l-SPSS u

- tvverifika d-dejta għal xi żbalji.

**Analizza d-dejta tiegħek**

Skont kif tfassal ir-riċerka (eż. b'mod sperimentali, kważi sperimentali jew dwar is-sitwazzjoni ta' qabel u ta' wara l-programm) inti se tipprova tiskopri dan li ġej:

- Hemm differenza ovvja fil-kampjun li ġbart (jiġifieri grupp ta' intervent (jew ta' qabel l-intervent) huwa differenti mill-grupp ta' kontroll (jew ta' wara l-intervent) għall-varjabbli li jinteressak)?

- Għalkemm mhux komuni f'evalwazzjonijiet ta' skala żgħira, f'ċerti każijiet tista' tkun interessat/a wkoll li tiskopri jekk din id-differenza tistax teżisti fil-popolazzjoni usa' (jiġifieri fost il-persuni kollha li qed jipparteċipaw fil-programm)?

- X'inhi l-probabbiltà li ħadt żball (jiġifieri li sibt differenza li ma teżistix jew viċe-versa)?

It-tip ta' testijiet statistiċi li jistgħu jintużaw biex twieġeb għal dawn il-mistoqsijiet se jiddependi fuq in-natura tad-dejta li tkun ġbart. Kif imsemmi qabel, mhuwiex possibbli li manwal introduttorju jipprovdi spjegazzjoni fid-dettall tat-tekniki differenti ta' analiżi u interpretazzjoni.

**Kompetenza**

*Jekk m'intix familjari mal-analiżi kwantitattiva dejjem fittex l-għajnuna ta' statistiku jew analista tad-dejta aktar milli tipprova twettaq l-analiżi inti stess.*

### Kif tinterpreta d-dejta tiegħek

Meta tinterpreta r-riżultati u qabel ma tasal għall-konklużjonijiet tiegħek jew tifformula rakkomandazzjonijiet qis dan li ġej (Sors: *US Department of Health and Human Services, 2011. Introduction to program evaluation for public health programs: A self-study guide, p. 77*):

- Hemm spjegazzjonijiet oħrajn għar-riżultati tiegħek?
- Ir-riżultati tiegħek kif jipparagunaw ma' dawk ta' programmi simili?
- Ir-riżultati tiegħek huma konsistenti mat-teoriji appoġġjati minn riċerka preċedenti?



*L-ebda waħda mill-mistoqsijiet preċedenti ma għandha tkun diffiċli biex tindirizzaha ladarba l-evalwazzjoni tiegħek tkun ġiet imħejjija sew b'riċerka tal-isfond fil-fażi tal-ippjanar tal-evalwazzjoni tiegħek (ara B.1., p.14).*

- Il-metodi differenti għall-ġbir tad-dejta li użajt biex tkejjel il-progress tiegħek taw riżultati simili?
- Ir-riżultati tiegħek huma simili għal dak li kont qed tistenna? Jekk le, għaliex taħseb li huma differenti?



**Kawżalità u korrelazzjoni**

*Agħraf id-differenza bejn kawżalità u korrelazzjoni.*

***Kawżalità** tinvolvi ħaġa li tikkawża oħra. Pereżempju, aktar ma teżerċita ruħek aktar se taħraq kaloriji. F'dan il-każ l-attività fiżika tikkawża lil ġismek jaħraq aktar kaloriji.*

***Korrelazzjoni** mill-banda l-oħra tfisser żewġ affarijiet li jseħħu fl-istess żmien li, filwaqt li huma relatati, ma jikkawżawx lil xulxin. Pereżempju, aktar persuni jgħumu fil-ġranet meta l-bejgħ tal-ġelati jiżdied. F'dan il-każ l-għawm ma jwassalx sabiex in-nies biex jieklu l-ġelati (jew viċi versa), iżda sempliċement iż-żewġ attivitajiet iseħħu fi ġranet sħan.*

*Bl-istess mod, trid toqgħod attent/a meta **tattribwixxi** effett (eż. it-tnaqqis fir-rati ta' serq ta' karozzi) direttament għall-programm tiegħek (eż. is-sensibilizzazzjoni dwar is-serq tal-karozzi) mingħajr ma l-ewwel tqis spjegazzjonijiet possibbli oħrajn.*

Meta tinterpreta d-dejta, kun ċert li tqis il-limitazzjonijiet, jiġifieri l-validità u l-affidabilità (interna u esterna) tar-riżultati.

**Il-validità** tar-riżultati tista' tirreferi għall-grad sa fejn ir-riżultati jistgħu jiġu ġġeneralizzati jew ittrasferiti għal grupp ikbar minn dak li minnu nġabret l-informazzjoni; jew tista' tirreferi għall-kwalità tat-tfassil tar-riċerka u/jew il-kunsiderazzjonijiet dwar il-kawżalità, jiġifieri l-attribuzzjoni.



**Validità**

*Kif imsemmi qabel, ħafna metodi kwalitattivi mhumiex intenzjonati biex jiġġeneralizzaw ir-riżultati, għaldaqstant għandhom jiġu evitati konklużjonijiet dwar l-impatt tal-programm tiegħek!*

**L-affidabilità** tar-riżultati tirreferi għal jekk ir-riżultati humiex konsistenti jew le, pereżempju jekk tistax tirrepeti l-metodi ta' riċerka u tikseb l-istess riżultati. Ara wkoll id-dokument tematiku ta' dan is-sett ta' għodda (p.15-16) għal aktar informazzjoni dwar il-validità u l-affidabilità.

## 2. Dejta kwalitattiva

L-interpretazzjoni tad-dejta kwalitattiva hija pjuttost differenti mill-analiżi ta' dejta numerika għaliex l-analiżi tinvolvi li tagħmel sens mill-istejjer tan-nies u tiżviluppahom f'temi differenti relatati mal-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni tiegħek. Dan ħafna drabi jista' jkun proċess diffiċli għaliex il-metodi tar-riċerka kwalitattiva jistgħu jiġġeneraw ammonti kbar ħafna ta' dejta mingħajr ma jkun hemm mod ċar kif tagħmel sens mill-informazzjoni inkwistjoni. Madankollu, filwaqt li ma jeżistix approċċ uniku għall-kodifikazzjoni u l-analiżi ta' dejta kwalitattiva, jistgħu jiġu segwiti l-passi li ġejjin biex jgħinuk tagħmel sens mill-informazzjoni kwalitattiva li tkun ġbart[13].

- **Oħloq ħarsa ġenerali.** Aqra t-traskrizzjonijiet, in-noti tal-intervista tiegħek, eċċ., u agħmel noti ġenerali dwar it-temi, ix-xejriet jew il-punti ta' interess li tiltaqa' magħhom.



**Kif tittraskrivi l-intervisti**

*It-traskrizzjoni ta' intervisti kwalitattivi jista' jkun proċess twil u ħafna drabi diffiċli. Ippermetti ħafna ħin għat-traskrizzjoni jew jekk il-baġit tiegħek jippermetti, ikkunsidra l-possibbiltà li timpjega persuna biex tittraskrivi l-intervisti.*

- **Ibda kkodifika l-informazzjoni.** Kodifikazzjoni tfisser il-kategorizzazzjoni tal-informazzjoni biex tiddistingwi t-temi, ix-xejriet u t-tendenzi ġenerali. Tistenniex sakemm jitlestew l-intervisti kollha. Ibda l-proċess *malajr kemm jista' jkun* għaliex dan ifisser li tkun tista' taħdem b'ammont ta' dejta iżgħar u li tista' tikkontrollah. B'hekk, tkun qed tevita wkoll li tirkbek id-dejta. Issa qed tikkodifika d-dejta tiegħek.



**Kodifikazzjoni bil-kulur**

*Jekk qed taħdem manwalment, metodu sempliċi iżda utli biex tikkodifika l-informazzjoni minn intervisti kwalitattivi huwa li tuża l-kuluri biex tikkodifika t-traskrizzjonijiet tal-intervisti. Kull kulur jirrappreżenta tema differenti. Meta tkun spiċċat il-kodifikazzjoni bil-kulur tat-traskrizzjonijiet, tista' tiġbor it-temi fi gruppi aktar faċilment abbażi tal-kulur.*

- **Irrevedi l-kodiċijiet/kategoriji.** Ma' liema kunċett(i) huma relatati l-kategoriji li ddistingwejt (ara l-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni)? Hemm xi waħda minn dawn l-ideat riflessa fil-letteratura? Hemm xi kategoriji li huma relatati ma' xulxin?

- **Iġġenera l-ideat.** F'dan il-punt għandek tkun kapaċi tiġġenera ċerti ideat ġenerali dwar id-dejta tiegħek. Ipprova ddeskrivi l-konnessjonijiet bejn il-kunċetti/temi li ddistingwejt u pprova żviluppa l-ispjegazzjonijiet għal dawn il-kunċetti.

## 3. Kif tiddiskuti s-sejbiet mal-partijiet interessanti

Ladarba tkun ġiet analizzata d-dejta kollha u ġew żviluppati l-abbozzi tas-sejbiet, tista' tkun idea tajba li tinvolvi lill-partijiet interessati fil-verżjoni finali tar-rapport ta' evalwazzjoni. Għandhom isiru diversi laqgħat bejn it-tim tal-evalwazzjoni, il-bord ta' konsulenza u partijiet interessati rilevanti oħra sabiex ir-riżultati tal-evalwazzjoni jkunu jistgħu jiġu diskussi u tittieħed deċiżjoni flimkien dwar ir-rappurtar u d-diffużjoni ta' dawn ir-riżultati.

---

13 Għal aktar informzzjoni dwar l-analiżi ta' dejta kwalitattiva, ara: *The Magenta Book: guidance notes for policy evaluation and analysis - 2007 edition*, p.8:36 http://resources.civilservice.gov.uk/wp-content/uploads/2011/09/the_complete_magenta_book_2007_edition2.pdf

## Sezzjoni 3: Rapportar u komunikazzjoni tas-sejbiet tal-evalwazzjoni

Wara li tkun ippjanajt u wettaqt l-evalwazzjoni tiegħek huwa importanti li tikkomunika b'mod effettiv dak li tkun skoprejt dwar il-programm tiegħek.



**Involvi l-partijiet interessati**

*Ftakar li l-evalwazzjonijiet jitwettqu biex jgħinu lin-nies jieħdu deċiżjonijiet dwar il-programm. Għalhekk, il-partijiet interessati rilevanti kollha għandhom ikunu involuti mill-istadju l-aktar bikri fid-diskussjonijiet dwar* ***kif*** *l-aħjar u* ***lil min*** *tikkomunika r-riżultati tal-evalwazzjoni. Dan se jgħinek tifhem ir-rekwiżiti tal-partijiet interessati rilevanti u tkun tista' aktar faċilment tfassal ir-rapport tal-evalwazzjoni finali skont il-ħtiġijiet tiegħek.*

*Tista' tkun idea tajba li tinvolvi l-partijiet interessati fl-editjar finali tar-rapport tal-evalwazzjoni. Ippjana xi laqgħat mal-grupp tal-evalwazzjoni u l-bord konsultattiv fejn jistgħu jiġu diskussi r-riżultati tal-evalwazzjoni u tista' tittieħed deċiżjoni konġunta dwar ir-rapportar u t-tixrid ta' dawn ir-riżultati.*

Irrispettivament mill-approċċ għall-evalwazzjoni li tagħżel, ir-rapport tal-evalwazzjoni finali għandu:

- Ikun miktub b'mod ċar.
- Jirrifletti b'mod preċiż is-sejbiet tal-evalwazzjoni. Kun ċar dwar dak li qed jaħdem u dak li mhuwiex (u għaliex!), għal min u f'liema kuntest jew taħt liema ċirkostanzi.
- Jinkludi l-qawwiet iżda anki l-limitazzjonijiet tal-evalwazzjoni.
- Ikun aċċessibbli għall-udjenza/i fil-mira. Dan ifisser li għandek tħejjih skont il-ħtiġijiet tal-udjenza/i fil-mira u tuża stil, ton u lingwaġġ li jistgħu jifhmuh faċilment **mingħajr termini tekniċi**.
- Ikun fih informazzjoni u/jew rakkomandazzjonijiet li se jgħinu fit-teħid ta' deċiżjonijiet.

Minbarra li jgħin fil-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet, rapport tal-evalwazzjoni ppubblikat b'mod effettiv se jkollu benefiċċji addizzjonali bħal li juri r-responsabbiltà lill-finanzjaturi u korpi oħra rilevanti, li juri l-effetti pożittivi tal-programm lil firxa ta' udjenzi differenti, li jtejjeb il-fehim tan-nies dwar il-prevenzjoni tal-kriminalità, b'mod partikolari fil-komunità lokali, u li jiġġenera żieda fl-appoġġ għal programmi simili.

### 1. L-istruttura tar-rapport finali

Filwaqt li r-rapporti ta' evalwazzjoni jistgħu jiġu ppreżentati b'modi differenti, is-sezzjonijiet u l-istruttura li ġejjin huma dawk użati b'mod komuni (Abbażi ta' *US Department of Health and Human Services, 2011. Introduction to program evaluation for public health programs: A self-study guide, p. 86*):

- Sommarju eżekuttiv: dan jipprovdi ħarsa ġenerali ta' malajr lejn is-sejbiet prinċipali tiegħek, bir-riżultati l-aktar importanti u interessanti fuq nett. Bħala alternattiva, din il-parti tista' tiġi ppreċeduta minn paġna waħda li jkun fiha l-punti dwar il-messaġġi ewlenin li jkunu nkisbu mill-evalwazzjoni (ara l-format 1:3:25 fil-'kaxxa tal-ideat' hawn taħt) għall-qarrej li m'għandux ċans jaqra r-rapport kollu.
- Sfond u skop
    - Sfond u deskrizzjoni tal-programm: il-kontenut u l-kuntest

- Identifikazzjoni u parteċipazzjoni tal-partijiet interessati
- Raġuni għall-evalwazzjoni: spjegazzjoni tar-raġuni għaliex saret l-evalwazzjoni u x'riedet tikseb
- Il-mistoqsijiet/attenzjoni prinċipali tal-evalwazzjoni

➢ Metodoloġija tal-evalwazzjoni

- Deskrizzjoni tal-metodoloġija (tfassil, kampjunar, indikaturi, ġbir ta' dejta, proċedura,...)
- Sommarju tad-dejta miġbura
- Analiżi tad-dejta: spjegazzjoni tal-analiżi mwettqa u l-limitazzjonijiet

➢ Riżultati

- Is-sejbiet u l-konklużjonijiet li jistgħu jintlaħqu mis-sejbiet
- Rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq is-sejbiet u t-'tagħlimiet meħuda'

➢ Appendiċi: għal kwalunkwe informazzjoni oħra li hija rilevanti u utli u mhix inkluża fil-korp prinċipali tar-rapport (eż. kwestjonarji, gwidi għall-intervista u dokumenti oħra użati għall-evalwazzjoni)

**Enfasizza l-informazzjoni rilevanti!**

*Dawk li jaqraw ir-rapport tiegħek probabbli għandhom ħafna impenji tax-xogħol. Għalhekk, għandek tpoġġi l-informazzjoni l-iżjed importanti fuq quddiem f'lingwaġġ li faċli jinftiehem (eż. uża bullet points biex tenfasizza r-riżultati ewlenin tiegħek).*

*Dan jgħinek tiżgura aħjar li s-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tar-rapport tal-evalwazzjoni tiegħek jintlaqgħu.*

*Il-format 1:3:25, li jintuża mill-Ministeru tal-Intern tar-Renju Unit u l-Kura tas-Saħħa Pubblika Awstraljana u Kanadiża, jista' jintuża bħala eżempju ta' kif għandek tikteb rapport li jista' jintuża faċilment mill-qarrej. Paġna waħda ta' messaġġi ewlenin f'bullet points, 3 paġni ta' sommarju eżekuttiv u 25 paġna biex tippreżenta s-sejbiet tiegħek f'lingwaġġ li huwa ċar u aċċessibbli għal persuna mhux speċjalizzata (ara http://www.hse.gov.uk/research/producing-reports-advice.pdf).*

## 2. Kif tikkomunika s-sejbiet tiegħek

Skont id-daqs tal-baġit tiegħek u l-udjenza li tixtieq tilħaq, hemm numru ta' metodi biex tippubbliċizza s-sejbiet tal-evalwazzjoni tiegħek. Dawn jistgħu jinkludu kopji stampati tar-rapport finali sħiħ, verżjonijiet elettroniċi li jistgħu jitpoġġew onlajn, rapport sommarju fil-qosor li jiddeskrivi s-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni f'termini sempliċi u/jew anki film qasir li jiddeskrivi l-programmi u l-evalwazzjoni.

**Agħmel ir-rapport tiegħek interessanti u attraenti**

*Rapporti li jidhru interessanti aktar probabbli li jinqraw minn udjenza usa'. Uża graffs, tabelli, u siltiet mill-intervisti kif meħtieġ biex tagħmel ir-rapport tiegħek aktar interessanti u leġibbli.*



**Ikkomunika 'dak li tgħallimt mill-iżbalji'!**

*Bla dubju, in-nies iħobbu juru u jisimgħu stejjer ta' suċċess. Għalhekk, ħafna drabi jista' jkun diffiċli li tenfasizza n-nuqqasijiet jew id-dgħjufijiet ta' programm. Madankollu, huwa* ***tabilħaqq importanti*** *li taqsam dawn ir-riżultati sabiex il-programmi futuri jitgħallmu mill-iżbalji.*

Uża diversi metodi u kanali biex twassal is-sejbiet tal-evalwazzjoni tiegħek lill-udjenza tiegħek, pereżempju:

- Il-midja soċjali u websajts oħra biex tenfasizza s-sejbiet prinċipali.
- Konferenzi u seminars fejn is-sejbiet tal-evalwazzjoni jistgħu jiġu diskussi ma' professjonisti u esperti oħra.
- Preżentazzjonijiet lill-gruppi tal-komunità, organizzazzjonijiet lokali,...




**Prattiki tajba u wiri ta' każijiet**

*Uża metodi ta' komunikazzjoni interattivi biex iżżid l-impatt. Pereżempju, uża prattiki tajba jew każijiet biex tippreżenta r-riżultati tiegħek sabiex ikollok impatt ikbar u tintegra l-evalwazzjoni fil-metodu standard tax-xogħol.*

- Konferenzi stampa u intervisti ma' membri tal-midja (it-televiżjoni, ir-radju, il-gazzetti,...).
- Rapporti informali ta' organizzazzjonijiet (sħab) diversi.
- Uża netwerks personali, bażijiet ta' dejta u kanali tal-maniġers tal-programm biex ixxerred is-sejbiet.
- Jekk xieraq, ikteb artiklu evalwat mill-pari f'ġurnal akkademiku rikonoxxut.
- Ċerti bażijiet ta' dejta rilevanti jaċċettaw sottomissjonijiet ta' rapporti, pereżempju: https://www.ncjrs.gov/library/contribute.html http://opengrey.eu/about/contribute

# Annessi: *worksheets*

## *Worksheet* 1.A.1 – Kif tidentifika l-partijiet interessati rilevanti

L-ewwel agħmel lista tal-partijiet interessati rilevanti kollha potenzjali, bl-użu tal-mistoqsijiet ta' gwida li ġejjin:

- *Persuni/organizzazzjonijiet li jżidu l-kwalità (affidabilità) tal-evalwazzjoni?*
- *Persuni/organizzazzjonijiet li jmexxu l-programm?*
- *Persuni/organizzazzjonijiet li jistgħu jużaw ir-riżultati tal-evalwazzjoni?*
- *Persuni/organizzazzjonijiet affettwati mill-programm?*

***Worksheet* dwar il-persuni interessati**

| **Parti interessata** | **Tip ta' parti interessata/involviment** | **Qasam ta' interess relatat mal-programm** |
|---|---|---|
| eż Organizzazzjoni taż-żgħażagħ | Eż. Iżżid l-affidabilità tal-evalwazzjoni<br>eż. Timplimenta u tippromwovi l-bidla | eż. Appoġġ għal persuni taħt l-età li jikkommettu reat |
| eż. Awtoritajiet lokali | eż. Jiffinanzjaw il-programm | eż. Il-programm iwassal għal tnaqqis fir-ripetizzjoni tar-reati |
| eż. Mexxejja tal-komunità | eż. Iżidu l-affidabilità tal-evalwazzjoni<br>eż. Jinfluwenzaw ir-riżultati tal-programm | eż. Appoġġ għal persuni taħt l-età li jikkommettu reat u l-familji tagħhom |

## *Worksheet* 1.A.2 - Baġit

***Worksheet* dwar il-baġit**

| **Stadju tal-proġett (ippjanar, implimentazzjoni, rapportar)** | **Kompitu** | **Stima tal-ispejjeż** | **Riżorsa** |
|---|---|---|---|
| eż. L-ippjanar | eż. Laqgħa mal-partijiet interessati | eż. EUR xxx | eż. Finanzjament permezz ta' għotjiet |

## *Worksheet* 1.A.3 – Lista ta' kontroll għad-dokument ta' sejħa għall-offerti

Jekk tiddeċiedi li toħroġ sejħa għal offerti għall-evalwazzjoni tiegħek lil evalwaturi esterni, id-dokument tas-sejħa li tiżviluppa għandu jinkludi dan li ġej:

- L-isfond tal-programm/proġett li tixtieq li jiġi evalwat.
- L-iskop tal-evalwazzjoni (dak li l-evalwazzjoni għandha tikseb).
- Kif tixtieq li titwettaq l-evalwazzjoni (intervisti fil-fond mal-partijiet interessati prinċipali, stħarriġ dwar l-utenti tas-servizz, analiżi ta' dejta eżistenti, eċċ).

- Il-kompiti differenti li jridu jitwettqu mill-kandidat ta' suċċess (ġbir ta' dejta, analiżi, kitba ta' rapporti, eċċ).
- Id-dati tal-iskadenza tal-evalwazzjoni.
- L-ispeċifiċitajiet finanzjarji (kemm se jingħata, id-dettalji tar-regolamenti finanzjarji rilevanti).
- Id-dettalji meħtieġa mill-applikant inkluż:
    - Id-dettalji tal-kuntatt
    - Il-kompetenza rilevanti fil-qasam
    - CVs tal-persunal tal-applikant
    - Format tal-informazzjoni meħtieġa (eż. preżentazzjoni, offerta bil-miktub)
- Il-kriterji tal-għażla tal-applikant ta' suċċess (esperjenza, fattibilità tal-proposta, valur għall-flus, eċċ).
- Il-punt ta' kuntatt għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet.
- Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet.

## *Worksheet* 1.B.1 – Deskrizzjoni tal-programm

*(Sors: US Department of Health and Human Services, 2011. Introduction to program evaluation for public health programs: A self-study guide)*

***Worksheet*** **tad-deskrizzjoni tal-programm**

| Attività | Deskrizzjoni |
|---|---|
| **Ħtieġa**: liema problema qed jipprova jindirizza l-programm? | |
| **Miri**: liema gruppi/organizzazzjonijiet jeħtieġu jinbidlu u jieħdu azzjoni biex jiġi żgurat il-progress fuq il-problema? | |
| **Riżultati**: kif u b'liema mod iridu jinbidlu dawn il-miri? X'azzjoni teħtieġ tieħu? | |
| **Attivitajiet**: X'se jagħmel il-programm biex iħeġġeġ lil dawn il-gruppi fil-mira jinbidlu/jieħdu azzjoni? | |
| **Outputs**: liema prodotti tanġibbli se jiġu prodotti mill-attivitajiet tal-programm? | |
| **Riżorsi/Inputs**: X'inhu meħtieġ mill-ambjent usa' sabiex dawn l-attivitajiet jirnexxu? | |
| **Relazzjoni bejn l-Attivitajiet u r-Riżultati**: Liema attivitajiet qed jiġu implimentati biex isir progress fuq liema riżultati? | |
| **Stadju ta' żvilupp**: il-programm għadu jibda, qiegħed fl-istadju ta' implimentazzjoni jew ilu għaddej? | |
| **Kuntest**: X'fatturi/xejriet fl-ambjent usa' jistgħu jinfluwenzaw is-suċċess jew il-falliment tal-programm? | |

*Worksheet* 1.B.2a – Sekwenzar tal-attivitajiet u r-riżultati

| **Attivitajiet** | | **Riżultati** | |
|---|---|---|---|
| **Attivitajiet tal-bidu** | **Attivitajiet ta' wara** | **Riżultati tal-bidu** | **Riżultati ta' wara** |
| eż. Identifika l-gruppi fil-mira | eż. Żviluppa pjan u għodda ta' komunikazzjoni | eż. Aktar għarfien dwar il-prevenzjoni tas-serq | eż. Aktar prekawzjonijiet meħuda fid-djar tan-nies għall-prevenzjoni tas-serq |

*Worksheet* 1.B.2b – Ħarsa ġenerali lejn l-inputs, l-attivitajiet, l-outputs u r-riżultati

| **Inputs** | **Attivitajiet tal-bidu** | **Attivitajiet ta' wara** | **Outputs** | **Riżultati tal-bidu** | **Riżultati ta' wara** |
|---|---|---|---|---|---|
| Eż. Finanzjament | eż. Identifika l-gruppi fil-mira | eż. Żviluppa pjan u għodda ta' komunikazzjoni | eż. Rapport ta' komunikazzjoni | eż. Żieda fl-għarfien dwar il-prevenzjoni tas-serq | eż. Aktar prekawzjonijiet meħuda fid-djar tan-nies |

*Worksheet* 1.B.3 – Riċerka/evalwazzjoni preċedenti

| **Riċerka/evalwazzjoni preċedenti** | | | |
|---|---|---|---|
| **Awtur**<br>(Isem f'ordni alfabetiku) | **Titlu**<br>(Titlu tal-pubblikazzjoni) | **Sors + sena ta' pubblikazzjoni**<br>(Ġurnal/ktieb/riżorsa onlajn) | **Punti prinċipali/riżultati ewlenin** |
| eż. Verwee, I.; Ponsaers, P. & Enhus, E. | eż. *Burglar is my trade, texture and practice of burglary* (Is-serq huwa s-sengħa tiegħi, in-nisġa u l-prattika tas-serq) | eż. Ktieb (2007) | eż. Il-ħtieġa għal approċċ integrali u integrat |

*Worksheet* 1.B.4a – Mistoqsijiet tal-evalwazzjoni

| **Kif tifformula l-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni** | |
|---|---|
| **Komponent tal-programm (attività/riżultat)** | **Mistoqsija tal-evalwazzjoni** |
| eż. 6 xhur wara l-implimentazzjoni tal-programm, in-numru ta' rapporti dwar imġiba suspettuża għandu jiżdied b'25 % | e. Il-programm laħaq l-għan tiegħu li jżid in-numru ta' rapporti dwar imġiba suspettuża? |
| eż. Wara sena il-livelli ta' biża' mill-kriminalità tal-utenti tas-servizz għandu jonqos b'40 % | eż. L-utenti tas-servizz juru livelli aktar baxxi ta' biża' mill-kriminalità wara l-programm meta mqabbla ma' persuni li ma jużawx is-servizz? |

## *Worksheet* 1.B.4b – Kif torbot il-mistoqsija tal-evalwazzjoni mad-dejta

**Kif torbot il-mistoqsijiet tal-evalwazzjoni mal-ġbir tad-dejta**

| Mistoqsija tal-evalwazzjoni | Tip ta' dejta | Sors tad-dejta | Metodu ta' ġbir tad-dejta |
|---|---|---|---|
| eż. Il-programm laħaq l-għan tiegħu li jżid in-numru ta' rapporti dwar imġiba suspettuża? | eż. Kwantitattiva | eż. Rekords tal-pulizija | eż. Dejta sekondarja analizzata mid-dipartiment ta' riċerka |
| eż. L-utenti tas-servizz juru livelli aktar baxxi ta' biża' mill-kriminalità wara l-programm meta mqabbla ma' persuni li ma jużawx is-servizz? | eż. Kwantitattiva<br>u<br>eż. Kwalitattiva | eż. Stħarriġ dwar il-vittimizzazzjoni (ICVS)<br>eż. Utenti individwali tas-servizz u persuni li ma jużawx is-servizz | eż. Dejta sekondarja analizzata mill-esperti tal-istatistika mill-università<br>eż. Ġbir ta' dejta primarja: intervisti fil-fond imwettqa minn voluntiera mħarrġa u analizzati mid-dipartiment tar-riċerka |

## *Worksheet* 1.B.5a – Evalwazzjoni tal-proċess

**Evalwazzjoni tal-proċess**

| Proċess maħsub (attività) | Proċess imwettaq (attività) | Raġuni għall-modifika | Bidla ulterjuri meħtieġa (rakkomandazzjoni) |
|---|---|---|---|
| eż. 25 uffiċjal tal-pulizija lokali volontarji se jiġu mħarrġa fis-sensibilizzazzjoni dwar is-suġġett | eż. 10 uffiċjali tal-pulizija ġew imħarrġa | eż. nuqqas ta' interess tal-uffiċjali tal-pulizija lokali | eż. li t-taħriġ isir obbligatorju għall-uffiċjali lokali kollha |

## *Worksheet* 1.B.5b – Evalwazzjoni tar-riżultati

**Evalwazzjoni tar-riżultati**

| Riżultat maħsub | Riżultat reali | Raġuni(jiet (possibbli) għad-differenza | Modifika ssuġġerita |
|---|---|---|---|
| e.g. 6 xhur wara l-implimentazzjoni tal-programm, in-numru ta' rapporti dwar imġiba suspettuża għandu jiżdied b'25 % | eż. żieda ta' 10 % | eż. Il-volantini fil-librerija lokali ma jilħqux l-udjenza fil-mira<br>eż. M'hemmx biżżejjed persunal imħarreġ biex iżur id-djar tan-nies | eż. Uża kanali differenti ta' distribuzzjoni<br>eż. Ara li t-taħriġ għall-uffiċjali tal-pulizija lokali kollha ikun obbligatorju |

**Rikonoxximenti**

Nixtiequ nirringrazzjaw lill-esperti kollha li pparteċipaw fil-sessjonijiet ta' ħidma u li l-kontribuzzjoni siewja tagħhom kienet indispensabbli għall-iżvilupp ta' dan il-manwal.

Rikonoxximent u ringrazzjament speċjali jmur ukoll lejn il-Prof. Mark Leys tal-Vrije Universiteit Brussel (il-Belġju) li ta appoġġ estensiv lis-Segretarjat tal-EUCPN matul il-proċess kollu ta' preparazzjoni ta' dan is-sett ta' għodda u li kien ukoll moderatur fit-tieni worksop fi Brussell.

Fl-aħħarnett, nixtiequ nesprimu l-gratitudni tagħna lejn is-Sinj. Erika Sallander tal-Kunsill Nazzjonali Svediż għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (Brottsförebyggande rådet – Brå) li ma attenditx is-sessjonijiet ta' ħidma iżda kienet ġentili biżżejjed li taqsam il-kompetenza tagħha dwar is-suġġett u tagħti *feedback* u xi kummenti utli ħafna dwar il-verżjoni ta' qabel dan id-dokument.

**Esperti li pparteċipaw**

***Sessjoni ta' ħidma I – 25 ta' Marzu 2013, Dublin, l-Irlanda***

Is-Sur Barry Connan, *Is-Servizz ta' Analiżi An Garda Síochána, l-Irlanda*

Dott. Yvonne Daly, *Dublin City University, l-Irlanda*

Is-Sinjura Jenny Jakobson, *il-Ministeru tal-Intern, l-Estonja*

Is-Sur Philip Jennings, *Safer Blanchardstown, Dublin, l-Irlanda*

Prof. Wolfgang Kahl, *Forum Ġermaniż għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità (DFK), il-Ġermanja*

Dott. Aogan Mulcahy, *University College Dublin, l-Irlanda*

Dott. Kieran O'Dwyer, *Konsulent Indipendenti, l-Irlanda*

Is-Sinjura Sarah O'Gorman, *Il-Kunsill tal-Muniċipalità tan-Nofsinhar ta' Dublin, l-Irlanda*

Is-Supretendent Colette Quinn, *Direttur tal-Programm ta' Devjazzjoni għal Persuni taħt l-Età, An Garda Síochána, l-Irlanda*

Is-Sur Sean Redmond, *Servizz ta' Ġustizzja Irlandiż għaż-Żgħażagħ, Dipartiment tal-Affarijiet tat-Tfal u ż-Żgħażagħ, Dublin, l-Irlanda*

Is-Sur Gurchand Singh, *Kap tas-Servizz ta' Analiżi An Garda Síochána, l-Irlanda*

Dott. Helga Sneddon, *Ċentru għas-Servizzi Effettivi, Dublin, l-Irlanda*

Is-Sinjura Charlotte Vincent, *Kunsill Daniż għall-Prevenzjoni tal-Kriminalità, id-Danimarka*

***Sessjoni ta' ħidma II – 6 ta' Ġunju 2013, Brussell, il-Belġju***

Is-Sinjura Ileana Bogatoniu, *Direttorat Ġenerali tal-Pulizija ta' Bukarest – Dipartiment tal-Analiżi u l-Prevenzjoni tal-Kriminalità – ir-Rumanija*

Is-Sinjur Alessandro Carini, *Polizia di Stato – Direzione Centrale Anticriminelle, l-Italja*

Is-Sinjur Peter Colle, *Prevenzjoni u Sigurtà Lokali, il-Belt ta' Ghent, il-Belġju*

Is-Sinjura, Saskia De Clercq, *Ministeru tal-Intern – Direttorat Ġenerali Sigurtà Lokali u Integrali, il-Belġju*

Is-Sinjur Tomas Jansson, *Police Halland, Rebbieħ tal-ECPA 2012, l-Isvezja*

Dott. Theo Lorenc, *London School of Hygiene & Tropical Medicine, ir-Renju Unit*

Is-Sinjur Robert Pawlak, *Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija Łódź, il-Polonja*

Dott Aiden Sidebottom, *University College London – Dipartiment tax-Xjenza tas-Sigurtà u l-Kriminalità, ir-Renju Unit*

Prof. Nick Tilley, *University College London – Dipartiment tax-Xjenza tas-Sigurtà u l-Kriminalità, ir-Renju Unit*

Is-Sinjur Didier Vanbesien, *Ministeru tal-Intern – Direttorat Ġenerali Sigurtà Lokali u Integrali, il-Belġju*

**Dettalji tal-kuntatt:**

**Segretarjat tal-EUCPN**
**Telefown: +32 2 557 33 30**
**Faks: +32 2 557 35 23**
**Posta elettronika: eucpn@ibz.eu**
**Websajt: www.eucpn.org**

[D.P : Philip Willekens – Boulevard de de Waterloo 76 – 1000 Brussels]

Veiligheid en Preventie
Sécurité et Prévention